Ġunju 2013 • Vol 20 • Nru. 2

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp



## Fil-Paġni ta' ġewwa


- Intervista mal-Kummissarju tal-Pulizija
- Il-Parole
- Paġna għat-tfal
- International Visitor Leadership Programme

u aktar...


Newspaper Post

Ġunju 2013 • Vol 20 • Nru. 2

IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp




**Qoxra:** Kummissarju tal-Pulizija
**Ritratt:** Ps 1147 Antoine Fenech
Sezzjoni tal-Fotografija

# WERREJ













5 Editorjal

7 Intervista mal-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Peter Paul Zammit

11 Il-Parole

13 Il-ftuħ tal-Mejda tal-Appostli fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija

14 "International Visitor Leadership Programme"

16 Konferenza Ġenerali – MPA

23 Rikonoxximent lill-PS 549 Reuben Pace

25 L-Aggregate Shield tar-Royal Life Saving Society

27 Mill-Isfont sa mat-Tieni Ċentinarju - *It-Tieni parti*

33 Apprezzamenti u kommendazzjonijiet tal-Pulizija

35 L-ewwel funeral li kien sar bl-iskorta tal-muturi tal-Pulizija

37 Is-Serqa tal-pagi tat-Tarzna - *L-ewwel parti*

41 Pagna ghat-tfal

43 Mill-Imdina sa tas-Sliema - Maratona ta' Malta

45 Sport Kompettitiv fil-MESA 2013

50 Aktar pulizija mħarrġa fuq l-ewwel għajnuna fuq annimali

55 L-Esperjenza tiegħi fid-Dipartiment tal-Pulizija 55

57 International Police Association

60 Malta Association of Retired Police Officers

62 Mejtin

IL-PULIZIJA

**Membri tal-Bord Editorjali:**

**President:** Supretendent Mario Spiteri
**Editur:** Assistent Kummissarju Antoine Casha
**Membri:** WPS 101 Roberta Grima
WPC 25 Charlene Cilia
PC 256 Kurt Bugeja Coster
Supt Antonello Grech

**Il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "il-Pulizija", C.M.R.U.,
Police Headquarters, Floriana, VLT 2000
jew magazine.police@gov.mt

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

GUTENBERG PRESS - TARXIEN

# Editorjal

L-Elezzjoni Ġenerali ġiet u għaddiet. Nemmen li ħafna jaqblu miegħi li l-Korp tal-Pulizija ħareġ bl-unuri minn dan l-avveniment hekk importanti fil-ħajja demokratika ta' pajjiżna. Din l-elezzjoni ġabet magħha tibdil fl-amministrazzjoni tal-pajjiż kif ukoll bdil fil-kmand tal-Korp bil-ħatra ta' Kummissarju ġdid – is-Sur Peter Paul Zammit P.L. Filwaqt li nawguraw lis-Sur Peter Paul Zammit kull suċċess fil-ħidma b'risq is-soċjeta` Maltija u l-membri kollha tal-Korp, nixtieqhu nieħdu din l-opportunita` ukoll biex nirringrazjaw lis-Sur John Rizzo tas-servizz tiegħu fil-Korp tal-Pulizija fejn serva bħala Kummissarju tal-Pulizija għal aktar minn ħdax-il-sena bl-istess dedikazzjoni, ħeġġa, integrita` u lealta` li serva l-Korp sa mill-1976.

Għalkemm seħħ dan it-tibdil, ħaġa waħda għandha tibqa' kostanti fil-ħajja ta' membru tal-Korp li ma tinbidilix u m'għandiex tiġi affetwata minn tibdil fl-amministrazzjoni tal-pajjiż jew tal-Korp – din hija l-lealta` lejn il-ġurament tal-ħatra li kull wieħed u waħda minna ħadna meta dħalna fil-Korp tal-Pulizija; jiġifieri mhux xi lealta` lejn xi partit politiku jew ieħor jew xi persuna partikolari – iżda lealta` sħiħa lejn il-poplu u r-Repubblika ta' Malta u l-Kostituzzjoni tagħha. Dan huwa importanti li nżommuh quddiem għajnejna l-ħin kollu tul is-servizz tagħna fil-Korp – speċjalment f'xi mumenti diffiċli waqt il-karriera tagħna.

F'Lulju 2013 il-Korp tal-Pulizija tagħna jkun qiegħed jiċċelebra l-199 sena mit-twaqqif tiegħu. Għadda ftit żmien mhux ħażin mit-twaqqif tal-Korp iżda l-isfidi għadhom l-istess: jiġifieri ż-żamma tal-bon ordni u l-infurzar tal-liġijiet ta' pajjiżna. F'soċjeta moderna bħal tagħna dawn l-isfidi jistgħu jidhru akbar minn qatt qabel, għalhekk huwa essenzjali li l-Korp jibqa' f'evoluzzjoni kontinwa biex jilqa' dawn l-isfidi u jassigura dik is-sigurta` u s-serenita` li kull individwu jistenna f'pajjiżna.

# Intervista mal-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Peter Paul Zammit

minn WPS 101 Roberta Grima – CMRU

Wara ftit iktar minn xahar mill-ħatra tiegħu bħala kap tal-Korp tal-Pulizija, ħadna ftit ħin lis-Sur Żammit sabiex nistaqsuh ftit domandi rigward din il-ħatra.

Bħal ma jkun mistenni ma' ħatra f'tali kariga, is-Sur Żammit kien impenjat ħafna. Kienu ftit id-drabi li l-Kummissarju ma kellux laqgħat, appuntamenti jew saħansitra Pulizija kollegi li ġew sabiex jifirħulu.

Iżda s-Sur Żammit isibha diffiċli li jgħid le, għalhekk irnexxielna nsibu post fl-aġenda mimlija tiegħu sabiex niħdulu dawn il-kummenti.

Għalkemm bosta jistgħu jaħsbu li intervista għall-magażin tal-Pulizija stess forsi ħa tkun twila u forsi anke b'xi kontenut esklussiv, dan m'huwiex il-każ. Min-naħa tagħna, ippruvajna nżommu din l-intervista qasira u forsi anke ftit informali. Il-Kummissarju kellu intervisti f'bosta programmi u gazzetti, għalhekk huwa diffiċli li wieħed jkun xi ftit oriġinali fid-domandi. Barra minnhekk, l-etika tgħid li wieħed għandu jkun kawt x'tip ta' domandi jistaqsi.

Malli tidħol fl-uffiċċju tiegħu mal-ewwel tinduna li l-Kummissarju huwa mħabbat mhux ħażin. Is-Sur Żammit kien imdawwar b'files, dokumenti u djarji, fost telefons ċellulari idoqqu u telefonati u ammont ta' Pulizija fi kju fil-kuritur.

**L-ewwel domanda li saqsejnih kienet dik ta' x'kienu l-ewwel ħsibijiet tiegħu malli ngħata l-aħbar li ser ikun fit-tmexxija tal-aktar dipartiment importanti fil-pajjiż u kif ħadet l-aħbar il-familja tiegħu.**





Il-Kummissarju jgħidilna li għalkemm kien hemm ħafna diċeriji u ħafna indikazzjonijiet huwa ma tantx ta kashom għax mhijiex fin-natura tal-karattru tiegħu. Kompla jgħidilna li għalkemm mhuwiex it-tip li jixxokkja ruħu malajr, owjament talba li jitla` Kastilja u jsib il-Prim Ministru meta suppost isib is-segretarju tiegħu kienet ftit xokkanti. "Xejn gravi imma taħsdek" kompla jgħidilna l-Kummissarju.

Is-Sur Żammit semmielna kif ġie avviċinat u l-mod kif saru l-mistoqsijiet kienu ċari, fi kliem il-Kummissarju stess "*patti chiari, amicizia lunga*", "*straight to the point*" u ma qadniex induru mal-lewża. *Clear cut*, hawn ix-xogħol u jrid isir. Huma kienu tal-opinjoni li jien kont "*the best man for the job*".

Din il-kariga għalkemm qatt ma ġera warajha, dejjem qiesha bħala it-tmexxija ta' wieħed mill-iktar dipartimenti importanti fil-pajjiż. Il-Kummissarju jgħid li kellu familja kbira, imma dil-kariga poġġietu bħala *capus pater* – il-missier. Fejn qabel kien wieħed minn ħafna tfal issa għandu responsabbilitajiet akbar. Is-Sinjura Żammit – omm il-Kummissarju u l-kunjata - ħadu qatgħa meta aċċetta dan l-irwol u staqsewh x'kien għadu kif għamel u kif ser jirrejaġixxu għal dan l-inkarigu. Is-Sinjura Carmen Żammit – il-mara tal-Kummissarju - għandha ideja ta' x'jista' jkun ir-rwol. It-tfal - żewġ subien ta' dsatax u sittax-il sena, għalkemm għandhom ħajjithom, jieħdu sehem attiv ħafna fil-familja. Huma ħassew li ser taffetwahom, fil-fatt ikollok ċerta bidla f'ta' madwarek li l-atteġġjament tħossu inbidel; hemm favur u hemm kontra imma s'issa jidher li kienet iktar pożittiva.

**Għadda 'l fuq minn xahar mill-ħatra tiegħek, kif inbidlet ħajtek u dik tal-familja?**

Il-Kummissarju qalilna li l-ħajja inbidlet. Sfortunamanet minħabba l-bżonnijiet immedjati kellu jżid il-ħin tiegħu tax-xogħol, kellu jkun 'il bogħod mid-dar u għalhekk kellu jnaqqas il-ħin mal-familja. Għal dal-aħħar erba' snin kien qed ikun regolarment id-dar fil-*weekends* peress li filgħaxijiet xorta kien ikun għadu għaddej fil-prattika legali sa tard filgħaxija. It-tard filgħaxija baqa` jew żdied sa kmieni filgħodu u għall-ewwel darba l-*weekend* li għadda (dak ta' Jum l-Omm) kien l-ewwel *weekend* li l-Kummissarju rnexxielu jkun id-dar kemm is-Sibt u kemm il-Ħadd minn kemm ilu li ħa dan l-inkarigu.



**X'inhi l-viżjoni tiegħek għall-Korp u hemm xi pjanijiet jew riformi li tista' tiżvelalna?**

Is-Sur Żammit qalilna "il-viżjoni tiegħi għall-Korp hija edukazzjoni, edukazzjoni, edukazzjoni. L-unika mod biex ikun hemm il-progress huwa li teduka lilek nnifsek. Ma jfissirx li tmur bilfors l-universita` jew tagħmel korsijiet. Tista' teduka ruħek anke mill-ħajja."

"Fil-Pulizija l-bżonn tax-xogħol tagħna huwa doppju – il-liġi u r-realta` tal-ħajja. Ir-realta` tal-ħajja tinbidel, il-liġi ddum ftit iżjed ma tinbidel. Bħala eżempju wieħed jista' jieħu t-telefons ċellulari u l-kompjuters. Il-liġijiet li jirregolaw ċertu abbuż ġew ħafna wara. Fil-prattika l-Pulizija kellha tieħu l-azzjonijiet meta ma kellhiex liġijiet adekwati. Hemm liġijiet li huma antikwati biex ilaħħqu mar-rekwiżiti li għandna llum", tenna s-Sur Żammit.

Il-Kummissarju qalilna li la qed nitkellmu fuq l-edukazzjoni, il-pjan huwa wieħed. "Isir l-avvanz neċessarju f'dik l-istruttura li nsejħula 'akkademja' mhux biss fil-bini, imma ukoll f'dik li hija għalliema u fil-livell tal-istess għalliem. Il-viżjoni hija li nikkrejaw *mini-university* bħalma għandhom pajjiżi barranin. Nibdew bit-tagħlim effettiv mill-bidu nett tal-karriera tal-Pulizija".



Dwar riforma, il-Kummissarju qalilna li jemmen li anqas mar-riforma tkun qawwija u tkun informali, iktar tasal għall-għanijiet tagħha. Qalilna wkoll li ħafna nies jirreżistu t-tibdil u li hu jqis ruħu bħala persuna li jġiegħlek tbiddel u tgħidlu grazzi. "Jiena għalmuni l-Pulizija antiki li nagħtik ċitazzjoni u tgħidli grazzi".

"Jiena bħala Kummissarju flok ċitazzjoni ħa nipprova nagħtikom ħajja aħjar fil-Korp u probabbilment vokazzjoni isbaħ. Nistgħu naslu iżda mhux waħdi. Jiena ser nipproponi, ħa nipprova nkun il-mexxej imbagħad sta għalikom". Fi kliem il-Kummissarju stess "ser nagħmlilkom it-triq, fejn hemm bżonn *I'll take your hand*, fejn hemm bżonn *I'll lead you along*, in some cases I'll push"

**X'inhuma n-nuqqasijiet li tara fil-Korp u fil-Pulizija stess u li tixtieq tindirizza?**

Il-Kummissarju b'mod ċajtier qalilna li għandu 1,950 nuqqas, li huwa l-ammont ta' Pulizija li għandu taħtu u 1,950 vantaġġ.

Fuq nota aktar serja, is-Sur Żammit qalilna li jekk jaf li hemm nuqqas u jħallih għaddej, fil-verita` jkun qed jonqos huwa stess u b'hekk jiġu żewġ nuqqasijiet.

"In-nuqqasijiet huma fejn huma fil-Korp iridu jiġu ndirizzati. Jistgħu jkunu nuqqas ta' faċilita`, nuqqas ta' għodda, nuqqas ta' ħin, nuqqas ta' Pulizija fi preżenza fiżika. L-iktar nuqqas serju huwa meta aħna bħala servizz nonqsu milli nagħtu dak is-servizz mitlub. Dik hija xi ħaġa li nixtieq nindirizza kemm jista' jkun malajr".

"Meta persuna daħlet l-għassa jgħid xi ħaġa lill-Pulizija, il-Pulizija jrid jaġixxi u jagħti s-servizz li obligat li jagħti". Is-servizz lill-pubbliku mhuwiex sempliċiment tini l-għajnuna, kważi kważi huwa iktar tini l-ħin tiegħek allura hemmhekk irridu nagħtu s-servizz.

Mela jien nixtieq nindirizza l-"*outlook*" tal-Pulizija lejn il-kelma "servizz" biex imur iktar lejn l-att li l-Ingliżi jsejħulu *customer friendly service*. "L-istess Pulizija anzjani lili għalmuni fil-prattika dak li jgħid il-Malti "**bil-kelma t-tajba toħroġ il-far mit-toqba**" u sfortunatament nħoss li tlifnieha" qalilna l-Kummissarju tal-Pulizija.

"Ix-xogħol tagħna huwa vokazzjoni, minn ġie *just for another job* mhuwiex Pulizija huwa persuna jagħmel xogħol ta' Pulizija. Il-Pulizija veru huwa dak li għandu mħabba lejn dan ix-xogħol. Mhuwiex dak li jagħmel xogħol ta' "*driver*" biss lanqas dak ta' "*detective*", lanqas espert fil-forensika jew l-IT. Il-Pulizija huma dawn kollha maġgħunin flimkien u ndirizzati biex jagħtu servizz."

Il-Kummissarju spjega kif il-kelma Pulizija ġejja mit-Taljan "*polizia*" u turik li tfisser tindif. Għalhekk il-Pulizija xogħolu huwa li jnaddaf is-soċjeta`. *Spit and polish* jgħidu l-Ingliżi. L-għan tiegħek bħala Pulizija huwa li tagħmel l-affarijiet aħjar. "M'hemmx għalfejn insawwat biex innaddaf, kultant naqra tagħlima żgħira hija biżżejjed. M'hemmx għalfejn nuża ċ-ċitazzjoni biex ngħallem ir-regoli tat-traffiku."

**Meta tħares lura tbiddel xi ħaġa fil-karriera tiegħek?**

Kienet sketta r-risposta tal-Kummissarju meta qalilna "assolutament xejn" u semmielna proverbju Zen, *every person is the subtotal of his past experience*. Jien kif jien illum għax għaddejt mis-sekwenza tal-esperjenzi kif għaddejthom. Kieku s-sekwenza tinbidel, il-probabilta` matematika hija li r-reazzjoni tiegħi kienet tkun differenti u kont naqbad triq differenti, bil-possibilta` li kieku mhiniex hawn illum. Meta staqsejna lis-Sur Żammit kieku x'kienet tkun il-karriera li għażel, il-Kummissarju qalilna li kieku kien jagħżel il-karriera ta' għalliem.

Filwaqt li nirringrazzjaw lill-Kummissarju tal-Pulizija tal-ħin u l-opportunita` sabiex setat issir din l-intervista`, nixtiequ ukoll f'isem il-Bord Editorjali, nawguraw lis-Sur Żammit il-ħidma t-tajba fil-kariga l-ġdida tiegħu.

roberta.a.grima@gov.mt

# Il-*Parole*

mis-Supretendent Dr Dominic Micallef – Uffiċċju Legali

L-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi daħħal fis-seħħ is-sistema tal-Parole għall-priġunieri. Din is-sistema hija meta priġunier li jkun qiegħed iservi sentenza ta' priġunerija jibbenefika billi joħroġ mill-ħabs qabel ma jiskonta s-sentenza mogħtija mill-Qorti. Dan ma jfissirx li jkun hemm tnaqqis fis-sentenza; iż-żmien tas-sentenza jibqa' l-istess imma l-priġunier ma jiskontahiex kollha maqful il-ħabs imma f'parti minnha, huwa joħroġ mill-ħabs b'ċertu kundizzjonijiet.

Mhux kull priġunier jibbenefika mill-parole. Priġunieri li jaqgħu taħt il-kategoriji li ġejjin, mhumiex eliġibbli għall-parole:

(a) priġunieri kkundannati għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' inqas minn sena;
(b) persuni detenuti skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni; Kap. 217.
(ċ) priġunieri li jkunu soġġetti għal proċeduri ta' estradizzjoni;
(d) ċittadini ta' pajjiż terz li jkunu ser jiġu deportati kif jiskontaw is-sentenza;
(e) priġunieri detenuti talli waqgħu jew wettqu attentat biex iwaqgħu lill-Gvern ta' Malta jew talli kkonġuraw kontra l-Istat kif stabbilit fl-artiklu 56(1) u (2) u l-artiklu 57(1) u (2) tal-Kodiċi Kriminali; u
(f) priġunieri kkundannati għal atti ta' terroriżmu, finanzjament ta' terroriżmu u reati anċillari kif stabbilit fl-artikoli 328A sa 328M tal-Kodiċi Kriminali;
(ġ) priġunieri kkundanati għal għomorhom.

Wieħed isaqsi x'inhu x-xogħol tal-Pulizija fil-proċeduri tal-parole? Il-proċess tal-parole tista' tgħid jinqasam fi tnejn:

i) meta l-priġunier japplika għall-parole u
ii) meta l-priġunier joħroġ bil-parole.

Fl-ewwel stadju l-Pulizija għandha l-obbligu legali li tibgħat informazzjoni li għandha x'taqsam mal-persuna li applikat għall-parole. Din l-informazzjoni tikkonsisti billi l-Pulizija tibgħat lill-iskrivan tal-parole:

i) il-fedina penali tal-applikant u
ii) kawżi kriminali pendenti li għandha l-Pulizija kontra l-applikant.

Il-Pulizija meta mitluba għandha tibgħat, informazzjoni fuq il-vittmi li jkunu nvoluti fil-każ. Dan isir sabiex l-awtoritajiet fosthom id-Direttur tal-Probation jinfurmaw lill-vittmi, li l-persuna li qiegħda tiskonta sentenza ta' ħabs applikat għall-parole. Kif dan iservi wkoll biex il-vittmi jibqgħu nfurmati bil-proċess tal-parole.



Meta l-priġunier jingħata l-parole mill-Parole Board, l-iskrivan tal-parole għandu minnufih jgħaddi kopja tal-liċenzja tal-parole:

(a) lil min ikun fuq il-parole;
(b) lid-Direttur;
(ċ) lid-Direttur tas-Servizzi Korrettivi;
(d) lill-Avukat Ġenerali; u
(e) lill-Kummissarju tal-Pulizija;

Meta priġunier jingħata l-parole, il-Bord tal-Parole jista' jimponi kull kundizzjoni li huwa jqis xierqa u dawn il-kundizzjonijiet jistgħu jinkludu:

(a) l-għoti ta' kumpens monetarju lill-vittma, li jista' jiġi mnaqqas mid-dħul ta' kull xahar ta' min ikun fuq il-parole u, jew ta' xi servizz ieħor li l-Bord tal-Parole jista' jitlob lil min ikun fuq il-parole li jagħti lill-vittma, suġġett għall-approvazzjoni tal-vittma;
(b) il-privazzjoni ta' kull tip ta' kuntatt mal-vittma u, jew mal-membri tal-familja tal-vittma;
(ċ) kull kundizzjoni li tista' tiġi rakkomandata mill-vittma lill-Bord tal-Parole biex tiġi mposta fuq min ikun fuq il-parole;
(d) li jieħu sehem fi programm ta' rintraċċament elettroniku;
(e) li min ikun fuq il-parole jieħu sehem f'xi programmi ta' kura kif jista' jiġi speċifikat mill-Bord tal-Parole;
(f) li min ikun fuq il-parole jieħu sehem fi programmi edukattivi vokazzjonali u, jew ta' taħriġ kif jista' jiġi speċifikat mill-Bord tal-Parole;
(ġ) li min ikun fuq il-parole jagħmel xogħol ta' servizz fil-komunità;
(h) restrizzjonijiet ta' libertà fuq il-ħinijiet ta' filgħodu

jew filgħaxija li jistgħu jinkludu l-obbligu ta' min ikun fuq il-parole li jirritorna lura fil-Faċilità Korrettiva f'ċerti ġranet tal-ġimgħa jew ħinijiet tal-ġurnata speċifikati kif il-Bord tal-Parole jista' jqis xieraq;

(i) l-obbligu li jirrisjedi f'żona msemmija u li ma jkunx jista' jitlaq minn dik iż-żona msemmija mingħajr l-approvazzjoni espliċita tal-Bord tal-Parole; u

(j) kull kundizzjoni oħra li l-Bord tal-Parole jista' jqis xieraq li jimponi fiċ-ċirkostanzi.

Meta l-persuna li ngħatat il-parole tkun qiegħda barra mill-ħabs, hija għanda tosserva l-kundizzjonijiet kollha mniżżla fil-liċenzja tal-parole. Jekk meta tkun barra fuq il-parole, il-persuna:

a. ma josservax il-kundizzjonijiet tal-parole; jew
b. jippreżenta, lill-uffiċjal jew l-uffiċjali tal-parole, suspett raġonevoli li jista' jwettaq delitt ieħor; jew
ċ. jiġi akkużat li wettaq delitt ieħor,

Il-Parole Board jista' jemenda, jissospendi jew jirrevoka l-liċenzja tal-parole. Għaldaqstant hawnhekk il-Pulizija għandu obbligu ieħor importanti, li tinforma lill-Parole Board meta tressaq lill-persuna l-Qorti akkużata b'delitt jew meta l-persuna fuq parole tikser xi kundizzjonijiet tal-liċenzja tal-parole. F'dan l-artiklu mhux ser noqgħod nidħol fl-amministrazzjoni dwar min ser jinforma l-Parole Board dwar xi ksur ta' kundizzjoni jew kif il-Pulizija ser ikunu nfurmati meta priġunier ikun barra fuq parole u x'kundizzjonijiet għandu. M'huwiex l-għan ta' dan l-artiklu biex nidħol fl-amministrazzjoni ta' din il-proċedura. L-għan ewlieni huwa li nkunu nafu x'inhuma l-obbligi tal-Pulizija meta persuna tkun barra fuq parole u kif ukoll l-obbligi tagħna fil-proċess tal-parole.

F'dan l-artiklu fuq fuq ridt nagħti stampa dwar dan il-mekkaniżmu legali ġdid tal-parole speċjalment dwar l-obbligi tagħna. Huwa ferm importanti li meta nintalbu biex nagħtu xi informazzjoni, kemm jista' jkun malajr għandna nagħtu din l-informazzjoni. Huwa wkoll xieraq li wieħed għandu jkun jaf l-obbligi tiegħu u x'għandu jagħmel meta jikxef li persuna li qiegħda fuq parole kisret xi kundizzjonijiet tal-liċenzja jew tkun wettqet delitt meta tkun barra fuq parole.

Aħna l-Pulizija għandha noqgħodu b'seba' għajnejn għall-persuni li jmorru kontra l-liċenzja tal-parole u kif ukoll għandna nibgħatu l-informazzjoni mitluba kemm jista' jkun malajr.

dominic.micallef@gov.mt

# Il-ftuħ tal-Mejda tal-Appostli fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija

minn PC 1600 Gilbert Gatt - CMRU

Bħal kull sena, fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Ġimgħa Mqaddsa tkun ikkaratterizżata minn wirja tal-mejda tal-appostli li titella' mill-membri stess tal-Korp. Din it-tradizzjoni ilha tinżamm għal dawn l-aħħar 22 sena u kull sena l-wirja dejjem kibret.

Din is-sena l-ftuħ uffiċjali tal-wirja sar nhar it-22 ta' Marzu 2013, Jum id-Duluri, fejn l-ewwel ġiet iċċelebrata quddiesa ġewwa l-kappella tal-Kwartieri tal-Pulizija mill-Kappillan tal-Korp, Fr Ray Bonniċi. Preżenti għal din il-quddiesa kien hemm is-Sur John Rizzo bħala Kummissarju tal-Pulizija, il-Ministru tal-Intern u s-Sigurta` Nazzjonali Dr Emanuel Mallia, uffiċjali għolja fi ħdan il-Korp, kif ukoll membri oħra.

Wara l-quddiesa, il-Kummissarju tal-Pulizija stieden lil Dr Emanuel Mallia sabiex jiftaħ uffiċjalment il-wirja tal-mejda tal-appostli ġewwa s-Sala Vilhena. Il-ftuħ sar b'talba u bi tberik tal-istess wirja mill-kappillan. Wara, il-Kummissarju



beda billi ta merħba uffiċjali lill-Ministru fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, peress li din kienet l-ewwel żjara uffiċjali bħala Ministru responsabbli mill-Korp tal-Pulizija. Is-Sur John Rizzo kompla billi rringrazzja lil dawk il-Pulizija li b'xi mod għenu sabiex tittella' wirja hekk sabiħa. Huwa wera l-apprezzament tiegħu għad-dedikazzjoni li ta' kull sena juru dawn il-membri sabiex din il-wirja tkun suċċess, liema suċċess jitkejjel bl-ammont ta' nies li jiġu jżuruha.

Il-Kummissarju qal ukoll li kull sena l-Korp jorganizża attivitajiet fejn fihom jiftaħ il-bibien tal-Kwartieri tiegħu għall-pubbliku. Dan sabiex il-Korp jkun dejjem aktar viċin taċ-ċittadin. Fil-fatt fil-Ġimgħa Mqaddsa wieħed jista' jżur, mhux biss il-wirja tal-mejda tal-appostli iżda ukoll il-Mużew tal-Pulizija, il-Mużew tal-Kriminalita' u x-xelter ta' taħt il-Kwartieri.

Waqt id-diskors tiegħu, l-Onorevoli Ministru Dr. Manuel Mallia, beda billi sellem lil dawk kollha preżenti u rringrazzja lill-Kummissarju tal-istedina tiegħu. Huwa qal li jinsab



kuntent ħafna li fi żmien li ġej ser ikun qed jaħdem mill-viċin mal-membri tal-Korp. Il-Ministru wera x-xewqa li l-Korp tal-Pulizija jkun wieħed li jagħti servizz lill-pubbliku mhux ikun kif forsi hawn min jarah, bħala forza. Huwa kompla billi qal li attivitajiet bħal dawn jkomplu jressqu lill-Korp viċin iċ-ċittadini u ħeġġeġ sabiex dawn l-attivitajiet jibqgħu jsiru.

Il-Kummissarju stieden lill-Onorevoli Ministru sabiex idur il-wirja, fejn is-Supretendent Mario Spiteri ta spjegazzjoni ferm iddettaljata u nteressanti tal-ikla tal-Għid bir-rit Lhudi, kif ukoll tal-oġġetti eżebiti fil-wirja fosthom ikel użat fl-aħħar ċena tal-appostli.

Wieħed seta' jinnota diversi kwadri magħmulin mill-melħ f'din il-wirja. Ta' min japprezza d-dedikazzjoni u t-teknika meħtieġa sabiex jiġu magħmula dawn il-kwadri. Waqt iż-żjara tiegħu f'din il-wirja, l-Onorevoli Ministru ġie muri t-teknika użata biex isiru dawn il-kwadri tal-melħ minn PC 685 Daniel Scerri.

Fl-aħħar il-Ministru Emanuel Mallia ġie mistieden sabiex jiffirma l-ktieb tal-viżitaturi tal-wirja.

gilbert.gatt@gov.mt



# "International Visitor Leadership Programme"

Mis-Supretendent Silvio Valletta – Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali

Bejn it-22 ta' April u t-3 ta'Mejju 2013, kont mistieden mill-Gvern Amerikan sabiex inżur l-Istati Uniti tal-Amerika biex nipparteċipa fi programm magħruf bħala "*International Visitor Leadership Programme*". Dan il-programm huwa ntiz sabiex il-parteċipanti mid-dinja kollha jkollhom esperjenza diretta ta' kif jaħdmu s-servizzi tal-ordni ġewwa l-Istati Uniti. Din is-sena s-suġġett tal-Programm kien "*International Crime Issues*"



Fil-fatt fil-programm li attendejt jien, kien hemm parteċipanti minn 16-il pajjiż differenti - Afganistan, Albanija, Ċile, Kroazja, Etopja, Hong Kong, Indja, Iżrael, Italja, Litwanja, Maċedonja, Montenegro, Niġerja, Paragwaj u r-Renju Unit.

Żorna tliet Stati differenti. L-ewwel stat li żorna kien dak ta' Washington D.C, minn fejn jopera l-gvern Amerikan. Washington huwa differenti mill-Istati l-oħra għaliex ġie mogħti mill-Istati l-oħra lil Gvern Amerikan sabiex jkun jista' jopera minnu. Fih jinsabu wkoll il-Kwartieri Ġenerali tal-Aġenziji tas-servizz ta' l-ordni, l-FBI, ICE u aġenzji oħra.

Sakemm domna Washington żorna d-Dipartiment tal-Ġustizzja li l-FBI jifforma parti minnu, fejn ġie spejgat lilna kif taħdem is-sistema ġudizzjara Amerikana u kif id-Dipartiment jaħdem ma' pajjiżi oħra rigward investigazzjonijiet u informazzjoni li jiġu mitluba li jfornu. Żorna wkoll id-Dipartiment tal-*Homeland Security*, li ġie mwaqqaf wara l-attakki ta' 9/11. F'dan id-Dipartiment ġew amalgamati d-Dwana u l-Immigrazzjoni, li huma żewġ aġenżiji importanti għall-Istati Uniti. It-TSB jieħdu ħsieb id-dħul u l-ħruġ mill-fruntieri tal-Istati Uniti u ICE (*Immigration and Custom Enforcement Agency*) jieħdu ħsieb l-investigazzjonijiet dwar l-Immigrazzjoni, traffikar ta' droga, traffikar ta' oġġetti ta' patrimonju kulturali (*cultural property*) u każijiet oħra. Żorna wkoll id-Dipartiment tat-Teżor, li fost responsabbiltajiet oħra għandu l-investigazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ħasil ta' flus.

Wara Washington, il-grupp ġie maqsum fi tlieta u bagħtuna fi tliet stati differenti. Flimkien mal-parteċipanti miċ-Ċile, Kroazja, Iżrael u Niġerja morna fl-Istat ta' Georgia, filwaqt li żewġ gruppi l-oħra marru fl-Istati ta' Texas u Miluakee rispettivament.

Atlanta hija l-belt kapitali u l-akbar belt ġewwa l-Istat ta' Georgia. F'Atlanta hemm il-Kwartieri Ġenerali tal-aġenzija ta' l-aħbarjiet CNN kif ukoll tax-xarba popolari Coca Cola. Atlanta hija magħrufa ukoll għax fiha twieled persuna li ħalliet impatt kbir fejn jidħlu d-drittijiet ċivili, Martin Luther King Jr.

Ġewwa Atlanta żorna l-uffiċini reġjonali tal-FBI, fejn urewna kif jaħdmu b'koperazzjoni kbira mal-Avukat Ġenerali Amerikan (US State Attorney) li jmexxi l-prosekuzzjonijiet kollha fejn jidħlu reati federali. L-FBI u l-Avukat Ġenerali Amerikan għandhom ġurisdizzjoni fuq reati federali biss. Ir-reati l-oħra jiġu nvestigati mill-Pulizija tal-Istat jew belt konċernata, u l-prosekuzzjoni titmexxa mill-Avukat Ġenerali ta' dak l-Istat.

Żorna ukoll il-Qorti Federali tal-Istat ta' Georgia, fejn iltqajna ma' Imħallef Federali. Dan jiġi maħtur mill-President tal-Amerika għal għomru biex jiġu żgurat li ma jkunx hemm indħil politiku. L-Imħallef spjegatilna x'tip ta' kawżi tisma'. Laqqgħatna ukoll ma' żewġ Maġistrati Federali fejn dawn spjegaw x'inhu x-xogħol tagħhom bħal ma huma rikorsi li jsiru mill-prosekuzzjoni u d-difiża,l-għoti tal-liberta' proviżorja u każijiet oħra.

Esperjenza siewja ħafna kienet meta ġejna mistiedna mill-*Atlanta Police Department* biex nagħmlu nofstanhar patrol mal-Pulizija tagħhom. Wieħed irid jifhem li ġewwa l-Belt ta' Atlanta ma hemmx għases tal-Pulizija kif hawn Malta, imma meta persuna trid tagħmel rapport, iċċempel in-numru 112 u l-Pulizija jmur bil-karrozza fuq il-post biex jieħu r-rapport. Ovvjament il-Pulizija jevalwa s-sitwazzjoni u jieħu l-passi neċessarji skont il-każ. Il-ġurnata hija maqsuma fi tliet *shifts*, dak ta' filgħodu, dak ta' waranofsinhar u ieħor ta' filgħaxija. Xi ħaġa nteressanti huwa l-fatt li l-Pulizija ta' Atlanta ma jaħdmux b'*shift* idur, jiġifieri, jekk Pulizija jaħdem fix-*shift* ta' filgħodu, dan dejjem jaħdem filgħodu, u ma jibdilx is-*shift* qatt.

Minn Atlanta morna *New York*, li hija l-akbar belt Amerikana. Fi *New York* attendejna għal konferenza li fiha kien hemm ukoll żewġ gruppi oħra ta' IVLP. It-tema tal-konferenza kienet is-Sigurta'. Ġiet diskussa l-koperazzjoni bejn id-diversi ser-

vizzi ta' sigurta' u ordni ġewwa New York u s- "*Cybercrime*".

Wara l-attakki ta' 9/11 ġewwa New York, inħolqot *Task Force* bejn il-Pulizija ta' New York (NYPD), l-FBI u l-aġenżiji l-oħra, sabiex flimkien jgħassu għal dak li qed jiġri f'din il-belt. Ovvjament waħda mill-prijoritajiet tagħhom hija li jaqsmu l-informazzjoni li jiġbru.

Suġġett ieħor li ġie diskuss f'din il-konferenza kien is- "*cybercrime*". Filwaqt li kulħadd jirrikonoxxi t-theddida lejn is-sigurta' minn dan it-tip ta' reat, ftit li xejn kien hemm impenn sħiħ mill-pajjiżi kollha sabiex bis-serjeta' niġġilduh. Fil-fatt dan hu wieħed mir-reati perikolużi li jeżisti għax mhux biss jista' joħloq kaos, imma ukoll għax huwa anomimu, ma tkunx taf minn attakkak. Mhux faċli u mhux dejjem jirnexxielek is-sib minn fejn ikun ġej l-attakk permezz tal-*internet*. Wieħed mill- bizgħat tal-Amerikani huwa l-fatt li jkollhom attakk terroristiku b'dan il-mod.

Ġewwa New York, ħaduna nżuru żewġ postijiet li huma ffrekwentati minn miljuni ta' nies biex naraw kif imexxu is-sigurta'. L-ewwel post li żorna kien *Madison Square Garden*, li huwa entita' privata u fejn jintlagħbu l-isport tant popalari mal-Amerikani jiġifieri l-*basketball* u l-*ice hockey*. Ġewwa *Madison Square Garden* hemm 1025 *CCTV Kamera* li jagħmluh l-aktar post li huwa attrezzat b'*cameras* ġewwa l-Istati Uniti. Ħaġa tal-iskantament kien il-fatt li meta jkun hemm il-logħob tal-*basketball* jew tal-*ice hockey*, ma jkunx hemm preżenza tal-Pulizija, imma s-sigurta' tiġi provduta mill-post stess. Qalulna li hija ħaġa rari ħafna li tinqala' xi



ġlieda bejn il-partitarji, imma jekk ikun hemm partitarju li ma jġibx ruħu sew, jiġi mkeċċi minnufih.

Post ieħor li żorna huwa '9/11 Memorial', il-post fejn kien hemm it-*Twin Towers*. Is-sigurta' f'dan il-post hija stretta ħafna. Il-preżenza tal-Pulizija hija sostanzjali, kemm biex tidderiġi t-traffiku u kemm biex tipproteġi n-nies li qed iżuru dan il-post. Flimkien mal-Pulizija, hemm ukoll gwardjani privati li jiċċekkjaw lil kull persuna li tidħol f'dan il-post.

Nirringrazzja lill-Ambaxxata Amerikana ġewwa Malta li għażlitni biex nattendi għal dan il-programm prestiġjuż. Żgur li din l-esperjenza għalmitni ħafna speċjalment l-importanza li taqsam l-informazzjoni fil-kuntest tal-pajjiżi Ewropej.

silvio.valletta@gov.mt

# Konferenza Ġenerali – MPA

PS 478 Neville Mercieca – Segretarju Ġenerali MPA

Dan huwa rapport li ġie ppreżentat minni waqt il-Konferenza Ġenerali li saret fit-18 ta' Mejju 2013 u li jkopri perjodu ta' 11–il xahar u jipprova jagħti stampa ċara ta' dak li ġara fuq suġġetti li huma iktar ta' interess ġenerali u li jolqtu l-maġġoranza tal-membri tagħna.

Dan kien perjodu fejn kien hawn diversi tibdil fl-amministrazzjoni kemm tad-dipartiment tal-Pulizija, li miegħu isiru l-maġġor parti tad-diskussjonijiet, kif ukoll fit-tibdil tal-Gvern tal-pajjiż f'Marzu li għadda. Dan ġab sitwazzjoni fejn kellna nirrepetu ħafna mix-xogħol li diġa` konna għamilna ma' nies differenti li qabel ma kienux involuti fid-diskussjonijiet magħna, u biex tfiehem problema li l-Pulizija jħabbtu magħha qisek qiegħed tagħmel proġett biex titla' fil-qamar għaliex litteralment jaqlawlek fwiedek biex tieħu dak li huwa dritt tiegħek. L-MPA użat ħafna mill-enerġija tagħha sabiex tassigura li l-membri tal-Korp ma jaqgħux lura, ikkomparati ma' ħaddiema oħra fiċ-ċivil u b'diversi proposti li saru, ippruvajna nagħtu spinta lill-Gvern sabiex jagħmel it-tibdil neċessarju. Sfortunatament, l-awtoritajiet dejjem qiesu lill-MPA bħala sempliċi assoċjazzjoni u ma tantx taw kas li joqgħodu jikkonsultaw magħna, qishom nesew li r-raġuni li l-MPA ma saritx *union* hija biss minħabba t-tkaxkir tas-saqajn tagħhom stess.

Aħna ma naqtgħux qalbna u xorta nibqgħu għaddejjin. Iktar kemm tkun żgħir u iktar kemm tiġi skartat, iktar ir-riżultat li jġib ikun jgħodd moralment. Għalkemm b'riżorsi limitati ħafna u mingħajr għodda legali sabiex naħdmu, dan l-aħħar żmien nidhru li qegħdin insibu postna. Il-*media* għenitna fejn kellna bżonn u ta' hekk nirringrazzjahom. Meta tinħareġ stqarrija għall-istampa min-naħa tagħna dejjem dehret fil-mezzi taxxandir.

Minkejja dan, ma nistgħux noqgħodu qatt kajmani u nistennew il-bajtra taqa' f'ħalqna. Irridu nkunu iktar aggressivi u nkomplu naħdmu kontra l-kurrent għall-ġid tal-membri tagħna. Dan irid isir fi sfond tar-realta` ġdida li llum għandna quddiemna fejn jidher li l-gvern preżenti huwa kommess li jagħti d-dritt tas-sħubija f'*union* lill-membri tal-Korpi dixxiplinati. Dan iffisser li l-MPA (MPU) ser ikollha kompetizzjoni diretta minn *unions* oħrajn li huma ikbar u iktar b'saħħithom iżda aħna rridu xorta nagħmlu l-parti tagħna sabiex l-MPA(MPU) tibqa' l-għażla naturali tal-membri tal-Korp.

Għalkemm ħdimna ħafna, din mhux dejjem tinħass fost il-membri għaliex meta jsiru ċerta laqgħat, ma tkunx tista' toqgħod tagħmel ċertu ħoss għaliex dan jikkomprometti dak li jkun qiegħed isir fil-laqgħat. Iżda nista' nagħti garanzija li l-Kumitat kollu ħadem kemm felaħ sabiex ikun il-leħen tal-membri tal-Korp f'dawn il-laqgħat. Xtaqna li kieku l-membri



tagħna kienu nfurmati iktar fuq dak li jkun qed jiġri iżda ħafna drabi l-affarijiet anki aħna stess ma nkunux nafu fejn waslu għaliex filli qegħdin jiddiskutu miegħek u filli ssib li ħaddieħor daħal fin-nofs u ħadlek postok minn fuq il-mejda u f'daqqa waħda terġa' ssib ruħek minn fejn tkun bdejt.

B'dan kollu f'moħħna, irridu nintensifikaw il-ħidma tagħna u nagħmlu pjan iktar fit-tul li jħares fuq medda ta' snin. Moħħna għandu jkun konċentrat biss fuq il-ħidma tagħna. Il-membri tagħna jippretendu servizz, u dan għandu jkun professjonali.

Nixtieq nirringrazzja lis-Sur John Rizzo għall-ħidma tiegħu li wettaq ħafna drabi b'sagrifiċċju għalih u għall-familja tiegħu. Waqt id-diversi laqgħat li kellna f'dawn l-aħħar 5 snin, tgħallimt ħafna mill-esperjenza tiegħu u għalkemm mhux dejjem ħadna dak li ridna, is-Sur Rizzo pprova dejjem ifittex bilanċ fejn il-Korp, li kien qisu l-familja tiegħu, qatt ma jmur minn taħt.

Nixtieq ukoll nawgura ħidma twila u ta' ġid għall-membri tal-Korp lill-Onor. Ministru tal-Intern u Sigurta` Nazzjonali Dr. E. Mallia, kif ukoll lill-Kummissarju l-ġdid, is-Sur Peter Paul Zammit P.L.

**Laqgħat**

Il-Kumitat Eżekuttiv iltaqa' 17–il darba. Saru diversi laqgħat mal-Kummissarju fejn ġew diskussi diversi suġġetti li jolqtu l-Korp in ġenerali, kif ukoll materji fejn membri individwali jkunu talbu l-assistenza tagħna.

Saru diversi laqgħat mal-assistent personali tal-Onor. Prim Ministru (ta' dak iż-żmien) is-Sur. E. Galea Curmi bħala l-Assistent Personali tal-Prim Ministru sabiex tieħu ħsieb it-talbiet tagħna. Il-Kumitat Eżekuttiv iltaqa' wkoll mal-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni (ta' dak iż-żmien) Dr. Joseph Muscat sabiex

ukoll jiġu diskussi t-talbiet tal-Assoċjazzjoni.

Diversi laqgħat intużaw sabiex nippruvaw niddiskutu l-pakkett finanzjarju li l-MPA ipproponiet lill-Onor. Ministru tal-Finanzi wara li ġejna mitluba nagħmlu hekk mill-Prim Ministru. Il-Kumitat bagħat pakkett bit-talbiet tagħna. Fil-laqgħa li kienet saret f'April, 2012 mal-Onor. Prim Ministru konna ġejna mwegħda li sejjer jiġi ffurmat kumitat fejn aħna kien sejjer ikollna sehem fid-diskussjonijiet iżda għal darb'oħra, kif ħriġna mill-kamra jidher li dawk involuti sabiex dawn id-diskussjonijiet isiru ma tantx inkwetaw fuq il-biċċa u dawn il-laqgħat magħna ma sarux, iżda saru mal-Kummissarju tal-Pulizija. Aħna konvinti li l-Kummissarju għamel li seta' sabiex ġab pakkett finanzjarju tajjeb għall-membri tagħna, u fuq inizjattiva tiegħu kien jinforma lili b'dak li għaddej u b'dak li se jipprova jagħmel iżda dawn ma kienux negozjati iżda *information sessions*. Kif tafu intom ukoll il-pakkett ġie mħabbar mill-Prim Ministru fis-7 t' Awwissu 2012 waqt il-*passing out parade* u kienet ħaġa owja li dan kien se joħloq disgwid bejn diversi membri. L-iktar kas lampanti kien kif il-fizzjali tagħna ġew imċaħda minn *shift allowance* avolja dan kien imur kontra l-*public service management code*, xi ħaġa li wara xhur twal ta' diskussjonijiet u korrispondenza ġiet riżolta, iżda dan kollu seta' ġie evitat kieku aħna dħalna fil-proċess.

Saret laqgħa ukoll ma' Dr Simon Busuttil, Deputat Kap tal-Partit Nazzjonalista, sabiex naraw x'hemm imwiegħed għall-Pulizija fil-manifest elettorali, mhux bħala kif se jiżdied ix-xogħol iżda x'kundizzjonijiet ġodda u aħjar sejjer ikun hemm. Dr. Busuttil deher li kien interessat ħafna f'dak li aħna konna qegħdin nispjegaw.

Nhar l-Erbgħa 8 ta' Mejju 2013 saret l-ewwel laqgħa mal-Ministru Dr. E. Mallia fejn ġew diskussi l-*Union* tal-Pulizija u sħubija libera f'*unions* li jagħżlu l-membri tal-Korp, l-importanza li l-membri jiġu motivati u trattati aħjar fuq il-post tax-xogħol u li dawn jingħataw aktar taħriġ u li jkun iktar professjonali. Il-Ministru qal li għandhom joħorġu *job descriptions* ġodda sabiex verament il-membri tal-Korp ikunu jafu dak li huwa rikjest minnhom. Ġiet diskussa t-taxxa ta 15% fuq l-*extra duty on payment* kif ukoll li jiħraxu l-pieni f'każijiet fejn ikun hemm vjolenza fuq membri tal-Korp, kif ilna nitlobu għal dawn l-aħħar 3 snin.

Nhar il-Ħamis 9 ta' Mejju 2013 saret l-ewwel laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija ġdid. F'din il-laqgħa ħareġ il-punt importanti li l-Kummissarju ma jridx jindaħal fix-xogħol tal-Assoċjazzjoni la dirett u lanqas indirett. Huwa talab li l-istatut jiġi mibdul sabiex lanqas jibqa' jifforma parti mill-MPA u l-kumitat tagħha. Il-Kummissarju qal li s-sistema ta' *allowances* introdotta f'Awwissu 2013 għandha tinbidel għaliex qasmet il-Korp. Il-Kummissarju kien tal-impressjoni li l-MPA kienet qabletma' dawk l-*allowances* u li kienet hi li pproponiethom, iżda ġie spjegat li t-talbiet li għamlet l-MPA, sal-llum għadhom ma bdewx jiġu diskussi magħha. Il-Kummissarju jixtieq jagħti lill-kulħadd dak li ħaqqu u jekk hemm min għandu l-kwalifiċi, dan sejjer jingħata l-ispazju kollu biex jaħdem. Huwa kompla jgħid ukoll li sejrin jerġgħu jingħataw opportunitajiet ta' tagħlim fl-universita` kif kien isir diversi snin ilu qabel waqfu. L-MPA ġiet ukoll mitluba sabiex tipproponi *shift* ġdid fejn il-membri jingħataw iktar sigħat ta' mistrieħ bejn *shift* u ieħor.

**Vjolenza fuq il-Pulizija: Stqarrija għall-Istampa**

Dan il-Kumitat iħoss li l-problemi li jaffetwaw il-membri tal-Korp u lis-soċjeta` għandhom jinħarġu fil-*media* sabiex il-pubbliku ċivili jkun jaf minn xiex ngħaddu. Dan owjament fejn huwa possibli għaliex ma tistax toħroġ kollox minħabba n-natura tax-xogħol tagħna.

Il-vjolenza fuq il-membri tal-Korp huwa punt li ttieħed b'serjeta` minn dan il-Kumitat. Fil-fatt f'Ottubru 2012 ħriġna r-raba' stqarrija għall-istampa fuq is-suġġett fejn il-gvern ġie mitlub li jiħraxu l-pieni. L-MPA reġgħet talbet sabiex persuni li jinstabu ħatja fuq reati bħal dawn, jridu jingħataw sentenza ta' priġunerija effettiva. Dawn it-talbiet ġew imressqa fil-parlament f'abbozz ta' Liġi nru. 97, iżda sa hemm wasalna u l-liġi fejn taffetwa lill-Pulizija ma nbidlitx. Dan imur kontra dak li ġara fuq il-każ tal-Ħamrun fejn mingħajr ma nidħlu fil-mertu tal-każ, malajr ġie introdott il-*hate crime*. Hija ħaġa tajba ħafna li dan sar, ma mmurx niftiehem ħażin, iżda kien ukoll ugwalment tajjeb li l-pieni li l-MPA ilha titlob sabiex jiħraxu saru ukoll.

Barra minn hekk, ta' min wieħed jinnota li meta jkun allegat li Pulizja żbalja fuq xi ħaġa, dan jiġi mxandar mal-erbat irjieħ tal-pajjiż, iżda meta jiġu attakati Pulizija, qisu ma ġara xejn. Daqshekk ieħor meta jiġi allegat li membru tal-Korp għamel xi ħaġa ħażina u wara li jsiru l-proċeduri u dan jiġi lliberat, ma jiġix rappurtat sabiex ismu jitnaddaf. Din hija xi ħaġa talmistħija li trid issir xi ħaġa fuqha.

***Shooting Club***

Ġie mwaqqaf l-*MPA Shooting Club* u beda l-ħidma tiegħu. Il-President tal-Kumitat li qiegħed jieħu ħsieb l-affarijiet amministrattivi huwa s-Supretendent Antonello Grech. F'dawn l-aħħar xhur flimkien mat-tim kollu ħadmu sabiex jinħarġu l-permessi meħtieġa. Aħna nixtiequlhom kull suċċess u ħidma twila.

Inħeġġu lill-membri sabiex jissieħbu f'dan il-klabb li ġie mwaqqaf apposta sabiex jilħaq il-ħtiġijiet tal-membri tal-Korp.

***Sponsorships***

Il-Kumitat Eżekuttiv, għat-tielet sena ħallas l-ispejjez relatati max-xiri tat-*trophies* tax-*Shooting Competition* li ssir fl-akkademja tal-Pulizija. Din il-kompetizzjoni toħloq interess kbir fost il-membri u l-kumitat jemmen li b'attivitajiet bħal dawn, il-membri jersqu viċin suġġett li forsi ma jkunx hemm daqstant interess fih jew ċerta biża' minnu avolja huwa wieħed importanti ferm li aħna nkunu mħarrġa fuqu bl-aħjar mod u bl-iktar mod frekwenti.

**Party tal-Milied tat-tfal**

Il-party sar fl-14 ta' Diċembru 2012 u niddikkjara li kien suċċess ieħor. Attendew numru rekord ta' tfal u r-rigali li ngħataw kienu ukoll xierqa għall-etajiet tagħhom u rigali li huma popolari mat-tfal illum. Dan kollu sar bil-ħsieb li ma jagħmilx impatt fuq il-finanzi tal-MPA u għal darb'oħra rnexx-ilna nżommu mal-*budget* stabbilit bħas-snin ta' qabel. Dan ma setax isir mingħajr l-għajnuna ta' Noel u Godwin ta' Cousins Trading li mingħandhom jinxtraw ir-rigali li għal darb'oħra offerew prezzijiet tajbin lill-Kumitat.

**Sigħat tax-xogħol u *Disturbance Allowance* tal-fizzjali:**

Wara snin sħaħ nisħqu li l-maġġoranza tal-fizzjali jaħdmu ġimgħa ta 'l fuq minn 46 siegħa fil-ġimgħa, dan il-punt ġie rikonoxxut u wara laqgħa li saret f'Kastilja, dawn is-sigħat żejda ġew imnaqqsa u b'hekk il-fizzjali ukoll għandhom ġimgħa bażika ta' 46 siegħa fil-ġimgħa.

Meta dawn is-sigħat jinqabżu, tapplika d-*disturbance allowance*. Il-Kumitat talab li din tkun ta' 15% tal-paga tagħhom iżda din ma ġietx milqugħa. Intlaħaq ftehim li minn €69.88 din titla' għal €200. Ħaġa tal-għaġeb, nhar l-4 ta' Marzu ħarġet ċirkulari 18/13, l-ewwel verżjoni tagħha, fejn id-*disturbance allowance* titla' sa 10% tal-paga iżda s-sigħat minn 20 siegħa telgħu għal 50 siegħa sabiex il-massimu jittieħed. Il-Kumitat ma aċċettax dan il-punt għall-ebda raġuni u għamilha ċara li jekk din iċ-ċirkulari ma kinietx sejra tiġi rtirata, kien sejjer jirreżenja u jsejjaħ *press conference*. Il-Kumitat ħass li din kienet iżżejjed u ma setax ikun li l-affarijiet jibqgħu għaddejjin minn fuqna b'dan il-mod. Eventwalment tard bil-lejl intlaħaq ftehim ġdid fejn is-siegħat niżlu għal 35 siegħa żejda iżda l-ħlas jibda jsir mill-ewwel sigħa żejda. Huwa kkalkulat li bis-sistema l-ġdida, fejn qabel ta' 20 siegħa fizzjal kien jieħu €69.88c, illum tal-istess sigħat sejjer jieħu 7% tal-paga tiegħu, li huwa avvanz ferm aħjar. Eventwalment Ċirkulari 18/13 ġiet ukoll emendata u ħarġet mill-ġdid. Ħbieb kif qed taraw għamilna ftit xogħol mhux ħażin imma baqa' ħafna u ħafna aktar xogħol xi jsir. Ma nħallu lil ħadd jaqtalna qalbna. Bi ftit għajnuna ta' kulħadd forsi xi darba naslu.

Din hija l-aħħar Konferenza Ġenerali statutorja tiegħi bħala Segretarju Ġenerali. Wara li se jkunu għaddew kważi 5 snin fil-kariga, ikun imiss li jidħol ħaddieħor b'idejat u prattiċi ġodda. Ma kienx żmien faċli kemm għalija kif ukoll għall-ħbieb tiegħi li ħdimna flimkien kemm f'dan il-kumitat u kemm dawk li kienu miegħi fil-kumitat preċedenti. Personalment inħoss li għalkemm mhux kulħadd huwa sodisfatt, kemm jien u kemm sħabi għamilna l-għalmu tagħna sabiex inġibu l-aħjar fiċ-ċirkustanzi li konna fihom. Mhux faċli li f'korp dixxiplinat, b'mentalita` kolonjali tiġġieled ma' dak li tiddependi minnu fix-xogħol tiegħek, u dan il-membri ma jifhmuhx u jippretendu li tagħmel mirakli mingħajr ma' int qaddis. Nixtieq nir-ringrazzja lil kulħadd talli dejjem sibtkom meta kelli bżonn.

mpa@onvol.net

# Rikonoxximent lill-PS 549 Reuben Pace

minn WPC 176 Sloune Fabri - CMRU

Kull sena l-Kunsill Lokali tal-Floriana jorganizza ġurnata ddedikata għall-Floriana – Jum il-Floriana - li ssir ġimgħa qabel il-festa ta' San Publiju.

Bħala parti minn dan l-avveniment issir ukoll attivita` oħra li hija marbuta ma' Jum il-Floriana fejn diversi persuni jingħataw rikonoxximent għal raġunijiet diversi. Fil-fatt, kif sar ukoll is-sena l-oħra bl-inizjattiva tal-istess Kunsill, ingħata premju ta' rikonoxximent lil membru tal-Korp tal-Pulizija mid-distrett – 'L-Uffiċċjal tal-Pulizija tas-Sena'.



Kif jaf kulħadd il-Floriana tagħmel parti mill-1 PD li jinkludi wkoll il-Belt Valletta u għalhekk il-Kunsill Lokali tal-Floriana mmexxi mis-Sindku s-Sur Nigel Holland, ħass il-ħtieġa li jippremja membru mill-Korp sabiex jirrikonoxxi x-xogħol li jsir ta' kuljum fil-lokalita` tiegħu. Din is-sena kien imiss lis-Surġent 549 Rueben Pace li jingħata dan il-premju bħala rikonoxximent għax-xogħol siewi li jagħmel f'din il-lokalita`. Ovvjament din l-għażla tiġi sottomessa lill-Kummissarju tal-Pulizija.

B'hekk b'mod ċar il-Kunsill wera li tassew japprezza x-xogħol tagħna bħala Pulizija. Ovvjament ma jistax jingħata premju lil kull membru tal-Korp li qiegħed stazzjonat f'dan id-distrett iżda PS 549 irrappreżenta mhux biss il-dawk il-membri li huma stazzjonati fid-distrett tiegħu iżda lil kull wieħed u waħda minna u dan żgur li jagħmel ġieħ lill-Korp.

Is-Sindku tal-Floriana stqarr li l-iskop wara dan il-premju kien li jdaħħlu l-kunċett li l-Pulizija huma hemmhekk biex jgħinu liċ-ċittadini u li qegħdin hemm biex jissalvagwardjaw s-sigurta` tal-komunita`.

PS 549 Rueben Pace f'kelmtejn qosra rringrazzja lill-Kunsill għall-unur li għoġbu jagħtih u stqarr li dan il-premju apprezzah iktar u iktar għax huwa mill-Floriana.

Bla dubju din il-wirja ta' apprezzament għandha sservi bħala motivazzjoni għal dawk il-Pulizija li jinsabu f'dan id-distrett. Min jaf is-sena d-dieħla 'l min se jmiss li jieħu dan il-premju! J'alla l-Kunsilli Lokali madwar Malta u Għawdex jitħajru jagħmlu ġest bħal dan sabiex tassew juru li jridu jaħdmu id f'id mal-Pulizija.

sloune.fabri@gov.mt

# L-Aggregate Shield tar-Royal Life Saving Society

mill-Ispettur Stephen Mallia – Akkademja tal-Pulizija

Fis-sena 2011 l-Akkademja tal-Pulizija permezz tat-taħriġ mogħti lir-rekluti tal-31 Kors Bażiku rebħet l-unur prestiġjuż tal-*Aggregate Shield* tar-*Royal Life Saving Society* (RLSS) għall-ewwel post wara nuqqas ta' 17-il sena. Matul is-sena 2012, l-istess Akkademja reġgħet ġiet fl-ewwel post u ppremjata għat-tieni sena konsekuttiva bir-rebħ tal-istess *Shield* wara taqtiegħa oħra ħarxa mal-AFM li għal darb'oħra reġgħu ġew fit-tieni post.

Ta' min ifakkar ukoll li fis-sena 2010 il-Korp tal-Pulizija permezz ta' uħud mill-membri, inkluż xi *instructors* mill-Akkademja, kien ukoll ġie ippreżentat bir-rebħ tat-*Trophy* għat-tieni post. Għalhekk fl-2012 l-Akkademja rnexxiela tirbaħ wieħed mill-għola unuri fis-salvataġġ fil-baħar mar-RLSS għat-tielet sena konsekuttiva kemm ilha li reġgħet bdiet tipparteċipa f'dan it-tip ta' taħriġ.

Il-protagonisti tal-aħħar rebħ tas-*Shield* din id-darba kienu 69 rekluta li segwew it-32 Kors Bażiku ta' taħriġ fl-Akkademja, li kollha kkwalifikaw b'suċċess u ġew ippremjati biċ-ċertifikat magħruf bħala *Life Support*. Il-maġġoranza ta' dawn ir-rekluti avvanzaw aktar fis-salvataġġ fil-baħar biex ġew ippreżentati ukoll bil-*Police Life Saving Certificate*.

Ir-rekluti Saviour Mifsud u Melchior Cassar irnexxielhom saħansitra javvanzaw sal-grad ta' *Bronze Medallion* filwaqt li r-rekluta Daniel Camilleri avvanza għall-*Beach Award*.

Lil dawn ir-rekluti kollha, li illum il-ġurnata ilhom mhux ħażin li ggradwaw bħala Kuntistabblijiet u qed iservu fil-Korp fid-diversi taqsimiet u branki, nixtieq ngħidilhom prosit tal-impenn li wrew waqt it-taħriġ li kien sar f'Mejju 2012 kemm fl-Akkademja kif ukoll f'San Ġiljan, f'baħar mhux daqstant sħun u xi drabi anke ftit imqalleb. L-isforzi tagħhom ġew ippremjati b'mod kollettiv bir-rebħ tax-*Shield* li wieħed għandu japprezza l-valur prestiġjuż tagħha fil-qasam tas-salvataġġ u li ta' min igħid li ilha teżisti sa mis-sena 1930.

Is-serata tal-preżentazzjonijiet taċ-ċertifikati u premijiet ittellgħet fis-sala tal-iskola St. Patrick's f'Tas-Sliema nhar is-7 ta' Diċembru 2012 fejn 'il fuq minn 170 membru tad-diversi entitajiet li temmew il-kors tar-R.L.S.S. b'suċċess ġew ippreżentati b'ċertifikati mid-Deputat Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Joseph Cachia li anke ntalab jagħmel kelmtejn tal-okkażjoni. Minbarra r-rekluti msemmija, għas-serata attendew ukoll il-Kmandant tal-Akkademja, is-Sur Ronald Kelly, flimkien mal-*instructors* li taw it-taħriġ fl-Akkademja, u ċjoe' l-Ispettur Stephen Mallia u PS 823 Ivan Brincat.



Ma setgħax jonqos li fil-mument tal-preżentazzjoni tal-*Aggregate Shield* lir-rappreżentanti tal-Akkademja, dawn jgħolluha b'mod ta' ferħ u sodisfazzjon fost iċ-ċapċip ta' dawk preżenti.

Is-serata segwiet bit-teħid ta' ritratt memorabbli tal-grupp kollu tar-rekluti bl-*Aggregate Shield* tar-R.L.S.S. flimkien mad-Deputat Kummissarju u r-rappreżentanti tal-Akkademja.

Xtaqt għal darb'oħra nirringrazzja lis-Sinjuri Alfred Cauchi, Paul Ellul Bonici u Agatha Zahra mir-R.L.S.S. tal-impenn li juru lejn is-soċjeta R.L.S.S. matul is-sena, u b'mod partikolari tal-assistenza u ħinijiet konsiderevoli li jiddedikaw għalina l-Pulizija waqt it-taħriġ fuq bażi volontarja.



J'Alla l-Korp tal-Pulizija permezz tal-Akkademja jkompli jsostni t-taħriġ fis-salvataġġ għall-ġid tas-soċjeta` Maltija filwaqt li jkompli jniżżel ismu fost il-protagonisti ewlenin f'dan il-qasam importanti.

Fl-aħħar u mhux lanqas nixtieq nieħu l-opportunita' biex ngħid prosit kbira u nfaħħar l-azzjoni immedjata li ħadu ż-żewġ kollegi mid-distrett ta' Tas-Sliema; PC 243 Clayton Frendo u PC 1188 Paul Cassar, nhar l-4 ta' Mejju 2013 meta wettqu salvataġġ tant diffiċli biex salvaw il-ħajja ta' mara li aċċidentalment spiċċat waqgħet bil-vettura fil-baħar fl-inħawi tal-Marina fil-Gżira. Il-kundizzjonijiet tal-baħar kiesaħ li ħadmu fih kmieni f'dik l-għodwa xejn ma kien wieħed tajjeb, fejn il-viżibilità kienet ħażina u l-fond konsiderevoli.

Id-dover u l-impenn li wrew dawn iż-żewġ Kuntistabbli hu wieħed ta' kuraġġ u li jagħmel ġieħ lill-Korp tal-Pulizija. Fi gżira mdawra bil-baħar bħal pajjiżna hu mistenni li kull Pulizija jkun konxju u mħarreġ fis-salvataġġ biex jiffaċċja sitwazzjonijiet bħal dawn u dan juri l-importanza ta' tali taħriġ.

Insellmilkom.

stephen.mallia@gov.mt

# Mill-Isfont sa mat-Tieni Ċentinarju
## It-Tieni parti

mis-Surġent-Maġġur Joseph Borg – Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija

Bħalma nafu, l-iskop ewlieni li għalih il-Korp tal-Pulizija kien twaqqaf huwa sabiex tinżamm l-ordni fil-pajjiż, li jiġu mħarsa u preservati l-ħajja u l-propjetà tan-nies, ma' doveri oħra fil-qasam preventiv, eżekuttiv u prosekuttiv. Insibu li maż-żmien il-Pulizija bdiet tingħata ċertu ħidmiet li ma kienux jirriflettu l-iskop propju li għalih kien twaqqaf. Ħafna minnhom, illum il-ġurnata, wieħed jqishom minn ċertu angolu, bħala ġrajjiet b'aspetti folkloristiċi u kulturali; magħhom insibu wkoll tiżwieqa ta' miti mwielda mill-istess storja, flimkien ma' ċertu fatti b'xeħtiet paradojċi.

Jekk wieħed jikkonsidra minn meta tibda ħajtu l-bniedem sa ma' tintemm; qiegħed jiġi f'kuntatti mas-servizzi li tagħti l-Pulizija b'ħidmieta. Hawn jorbot ukoll il-fatt dwar it-tifsira ta' minn fejn ġejja l-kelma 'Pulizija' spjegata fl-artiklu tal-ħarġa preċedenti.

**Responsabilitajiet, sezzjonijiet u ħidmiet ġodda.**
Ftit wara l-ħatra tiegħu l-kmandant Hector Zimelli fl-1859, kien awtorizza x-xiri ta' sitt żwiemel u t-tagħmir għalihom. Sena wara twaqqfet is-Sezzjoni tal-Kavallerija ġewwa l-Belt. Qabel ix-xiri tal-bhejjem, il-Pulizija kienet diġa tagħmel użu minn żwiemel u bgħula sabiex iġorru priġunieri mill-Belt għall-ħabs waqt li għall-kmandant u fizzjali għolja kienu jinkrew kallessi armati biż-żwiemel. F'każijiet ta' ġarr ta' mejtin, bħal mewta zopptu jew diżgrazzja, kienu jinġarru b'karru tal-mejtin miġbud minn żwiemel tal-kavallerija. Din il-prattika għada ssir sa llum mill-Pulizija, iżda b'vettura bil-mutur. Il-Pulizija kienet titqabbad ukoll iġġorr katavri ta' nies li għalkemm mewthom ma tkunx xi waħda mirraġunijiet msemmija ,dawn kienu jkunu tant foqra li kienu jittieħdu 'povri', il-kelma li kienet tintuża għal dawk li ma kienx ikollhom mezzi, biex isirilhom funeral. F'każijiet hekk, il-Gvern kien jagħmel tajjeb għall-funeral u l-Pulizija kienet titqabbad sabiex biż-żwiemel tagħha ġġorr il-karru jew






karozzella bit-tebut. Minħabba f'hekk l-ispejjeż tal-Gvern kienu jonqsulu. Doveri oħra kienu r-rondi, skorti ma' nies prominenti, attivitajiet ċerimonjali u parati.

**Il-Marina Police (Water Police)**
Is-sezzjoni tal-Marina qabel ma' ġiet taħt il-Kmandant tal-Pulizija fl-1884, kienet fir-responsabilita tal-Kontrollur tan-Navigazzjoni Merkantili. L-iskop ewlieni tagħha kien li tinżamm l-ordni fil-portijiet u ssorveljar kontra kull abbuż. Kienu jkunu ordnati jagħmlu ronda fuq il-baħar bil-laneċ minħabba l-kuntrabandu, jassistu sabiex isolvu kwistjonijiet bejn kaptani tal-vapuri u propjetarji tad-dgħajjes, kif ukoll inkwiet bejn il-baħrin. Ix-xogħol ta' din it-taqsima bħala għassiesa ta' fuq il-baħar u salvataġġ kien bla heda. Kienu wkoll responsabbli mit-tiġrijiet tad-dgħajjes u l-kontrolli oħra waqt attivitajiet tal-baħar, bħalma kienet il-ġostra. Din il-ħidma baqgħet f'idejn il-Pulizija sa ma' ħaditha kompletament l-Armata fis-snin sebgħin.

**Mixegħla tal-fanali fit-toroq**
Ħidma oħra li kellha l-Pulizija li oriġinat minn żminijiet bikrija tal-ħakma tal-Ordni hija l-mixegħla tal-fanali fit-toroq. F'dawk iż-żminijiet, dawn il-fanali kienu bdew jinxtegħlu bl-imnanar taż-żejt, quddiem l-istatwi tal-qaddisin fin-niċeċ. Apparti dan id-dawl, kienu bdew jagħtu wkoll ftit dawl fit-toroq għal matul il-lejl. Fl-1822 il-Pulizija kienet ħarġet



sejħa għal dawk interessati sabiex jibdew jixegħlu l-fanali fit-toroq; l-ewwel biż-żejt imbagħad bil-pitrolju li kienu jinagħtawlhom mill-Pulizija. Min-naħa tagħha mbagħad il-Pulizija kienet tara li dan isir ta' kuljum u fil-ħin mitlub. Wara li f'Malta daħal l-elettriku, il-Pulizija xorta waħda baqgħet fid-dmir li meta jmur id-dawl tat-toroq kien ikollha tpoġġi fanali jixegħlu bil-pitrolju. Sa ftit taż-żmien ilu, il-Pulizija kienet iżżomm reġistru għal-lampi tat-toroq. Fih kienu jiġu mniżżla dawk il-fanali rrapurtati maqtugħin li wara kienu jingħaddew fl-uffiċċju responsabbli sabiex jissewwew jew jitbiddlu.



**Sorveljar fit-Teatru, Swieq u postijiet oħra tal-bejgħ**

Sorveljar ieħor barra dak kollu li jaqa' taħt il-kappa sanitarja, kien ġewwa t-Teatru Rjali li għalkemm għall-perjodu qasir, sar fl-ewwel terz tas-seklu dsatax. Dan kien isir sabiex ma jiġux ripetuti rapprezentazzjonijiet mużikali millkantanti fl-istess serati. F'dan l-istess perjodu kienu bdew isiru wkoll spezzjonijiet ġewwa s-swieq u postijiet oħra tan-negozju. Il-Pulizija waqt dawn l-ispezzjonijiet kienet tara, li l-kejl kollu li jintuża, bħal ngħidu aħna mwieżen, l-użin u stasiji waqt il-bejgħ, ikun tajjeb u konformi ma' dak stabbilit mill-Awtorita`. Kienu wkoll jimmarkaw l-użin u l-kejl mal-affarijiet l-oħra li semmejna bit-timbru tal-Gvern. Kienu jaraw ukoll li jkollhom sinjal jixbaħ 'il ponta ta' vleġġa (dan is-simbolu, il-Maltin kienu jsibuħ bħala 'sieq it-tiġieġa' u oħrajn 'il-marka tar-reġina') sabiex juri l-awtentiċita`. Kull min kien jiġih dubju minn xi kejl, qies jew piż, kien jista' jmur fl-uffiċini tal-Pulizija biex jaraw ikunx qiegħed isir qerq. F'ċerti każijiet il-Pulizija kienet tikkonfiska l-kejl jew l-użin, waqt li tieħu passi kontra dak il-bejjiegħ jew individwu.

**It-Tiġrijiet tal-Bhejjem**

Nibqgħu fl-istess żminijiet, il-Pulizija kienet tieħu ħsieb ukoll torganizża t-tiġrijiet tal-bhejjem f'nhar l-Imnarja, fil-Madonna tal-Karmnu u f'Santu Rokku, li kienu jsiru fir-Rabat u l-Pieta` f'Malta u ta' Sannat f'Għawdex. Dawn kienu jikkonsistu f'tiġrijiet taż-żwiemel, bgħula u ħmir. Ir-rebbieħa kienu jingħataw il-palji u l-premijiet mill-Kummissarju nnifsu jew uffiċjal ieħor għan-nom tiegħu. Waqt dawn it-tiġrijiet spettakulari ġieli kien ikun hemm ukoll il-banda tal-Pulizija.

**Sanita' – Mard Mentali**

Nies b'mard mentali kienu wkoll fir-responsabbilita` tal-Pulizija, sa mit-twaqqif tal-Korp. Wara li dawn kienu jiġu eżaminati mit-tabib tal-Pulizija fuq talba bil-miktub tal-kmandant tal-Korp, dawn kienu jintbagħtu l-isptar mentali. F'dan ir-rigward il-Pulizija kienet ħarġet 'tickets of admission' iffirmati mill-kmandant tal-Pulizija jew uffiċjal għoli. It-tabib tal-Korp seta' jżomm persuni b'suspett ta' mard mentali għal osservazzjoni sa ma' jiġu deċiżi jekk humiex morda jew le. Dan beda jseħħ sa mill-bidu tat-twaqqif tal-Korp u kien isir, ġewwa ċ-ċelel ta' taħt il-Klistanija. Minħabba li kien qiegħed jiġi osservat li dawk il-persuni miżmuma fuq affarijiet kriminali, kienu qegħdin jagħtu fastidju lil dawn in-nies; fuq talba lill-Gvern dawn bdew jittieħdu mill-ewwel fi sptar mentali.

F'każijiet meta xi pazjent isir agressiv, il-Pulizija kienet teskorta l-pazjent fi "straight jacket" minflok il-manetti bħal ma kien isir qabel. Kienet inbidlet ukoll il-prattika li meta l-Pulizija jintalbu sabiex jeskortaw pazjenti mentali, kien ikollhom jilbsu ħwejjeġ pajzana u mhux aktar bl-uniformi. Dan ġara minħabba li matul it-triq kien ikun hemm min jinbex lil dawn in-nies u la darba l-Pulizija tkun pajżana, ma jiġux innotati daqshekk. F'każijiet li l-pazjent kienet tkun mara; peress li ma kienx hawn Pulizija nisa, flimkien mal-Pulizija pajżana, kienet tinstab mara volontiera biex tassistihom. Din kienet imbagħad tingħata xi ftit tas-soldi b'kumpens għal dak ix-xogħol.

**Atti tat-twelid, tal-mewt u ċertifikati tal-mard.**

Sa ftit żmien ilu, il-Pulizija kienet għada tirreġistra dawk il-persuni li jitwieldu u li jmutu. Kellha wkoll responsabilita' li tirrapporta l-mewt ta' nies li kienu jirċievu l-pensjonijiet mill-Militar, min-Navy jew tas-Servizzi Ċivili. Sa ftit ilu niftakar kienet inbidlet is-sistema minħabba li l-pensjonanti kienu jiġu l-għassa, isibu lis-Surġent, b'dokument f'idhom maħruġ minn dawn l-uffiċini tal-pensjonijiet Kolonjali, sabiex jiffirmalhom fuq dan id-dokument u b'hekk ikun iċċertifika li dik il-persuna tkun għadha ħajja. B'hekk tibqa' toħroġlu l-pensjoni sa ma' jerġa' jibgħatilhom kif ikun meħtieġ. Ċertifikat ieħor milli kienet toħroġ il-Pulizija ukoll fl-imgħoddi, kien għal meta persuna ma jkunx jista' jirrapporta għax-xogħol minħabba mard. Sintendi l-Pulizija kienet iżżomm kopja tiegħu waqt li tirreġistra wkoll lil dawk li ma jkunux marru għax-xogħol f'dik il-ġurnata. Għalkemm jien ma kontx ilħaqt din il-prattika fis-seħħ, ġieli rajt xi kotba minnhom (mhux użati) f'xi P.A. room.

**Tilqim ta' trabi u assistenza lit-tobba**

Fl-ewwel snin tas-seklu li għadda l-Pulizija kienet titqabbad ukoll tassisti lit-tobba fil-bereġ u l-ispiżeriji tal-Gvern, meta f'Malta daħlet u infirxet waħda mill-influwenzi qerrieda. (Il-Berġa tirreferi għal dik il-kamra jew tnejn parti mill-għassa jew viċin). Xogħol il-Pulizija fil-bidu kienet sabiex iżżomm l-ordni, iżda ftit wara bdew ukoll jassistu lit-tabib billi jmiddu idhom f'affarijiet żgħar ta' medikatura; bħal jagħmlu xi faxxa u jnaddfu meta jinħtieġ wara xi ntervent jew ieħor. Dmir importanti ieħor li kellha l-Pulizija huwa t-tilqim obbligatorju lit-trabi. L-ispettur tad-distrett kien jibgħat javża lill-ġenituri tat-trabi bl-obbligu li kellhom li jlaqqmuhom. Il-Pulizija kienet iżżomm ukoll reġistru bid-dettalji tat-trabi mlaqqma.

**Il-ġbir ta' żibel u l-qbid tal-ġrieden u klieb**

Tista' tgħid li mat-twelid tiegħu l-Korp kellu sehem ieħor importanti ma' dak għaż-żamma tal-bon ordni, li kien il-qasam sanitarju. Id-dmirijiet f'dan il-qasam kienu l-issorveljar fit-toroq sabiex jaraw li ma jkunx qiegħed jitħalla żibel u skart barra. Din ir-responsabilita' kienet ilha minn żmien il-pesta tal-1813 ma' dmirijiet oħra fejn kellha x'taqsam is-saħħa pubblika. Fil-bidu tas-seklu għoxrin, il-Pulizija kellha r-responsabilita` ukoll mill-ġbir tal-ġrieden. Din kienet miżura preventiva sabiex ma jinxteridx mard infettiv, bħal pesta. Kull min kien jieħu xi ġrieden mejta l-għases, kien jiġi mogħti sold għal kull wieħed. Wara l-Pulizija kienet tiddisponi minnhom bil-mod ta' dak iż-żmien. Għall-Pulizija din il-prattika kienet tassew waħda skomda għal diversi raġunijiet.

Il-qbid tal-klieb mit-toroq kien ukoll parti mix-xogħol tal-Pulizija. Meta xi ħadd kien jirraporta li kien ikun hemm xi klieb perikolużi jew b'sintomi ta' mard jiġġerrew fit-toroq, il-Pulizija kienet fid-dmir li tmur taqbad dawn il-klieb fosthom anke dawk b'mard tar-rabbja jew b'sintomi ta' ġenn li dak iż-żminijiet kienu l-kawżi prinċipali li bihom l-annimali kien jbatu l-aktar. Il-Gvern beda joffri sitt soldi għal kull kelb b'dawn is-sintomi li jittieħed f'xi għassa. Fl-għases kien ikun hemm ċella sabiex jinżammu dawn il-klieb qabel ma jiddisponu minnhom. Għal qbid tal-klieb kienu jinżammu wkoll ingassi b'lasta magħhom, li kienu jkunu ta' qisien differenti. Fil-1935 il-Kummissarju kien ordna sabiex quddiem l-għases jitpoġġa ħawt bl-ilma, sabiex il-klieb li jiġġerrew fit-toroq imorru jixorbu minn hemm. Kien jagħmilha aktar faċli għal pulizija sabiex taqbad dawk il-klieb b'sintomi li semmejna.

**Skrutinju u informazzjoni dwar il-beni u l-mezzi tal-persuni**

Il-bidu tas-seklu li għadda l-awtoritajiet bdew jieħdu miżuri sabiex nies foqra jingħataw xi għajnuniet finanzjarji; il-Pulizija kienet tqabdet tindaga fuq l-applikanti sabiex tagħti tagħrif dwar il-mezzi u l-beni li kien ikollhom. Dak li kien jinġabar, kien jingħadda lil awtoritajiet, bħala Istituzzjoni tal-Karita`. Wara li kienet tiġi approvata t-talba, il-Pulizija kienet tibgħat għal individwu ġewwa l-għassa, tinfurmah u quddiem xhud kienet tirreġistra l-għotja li kienet tagħti bħala benefiċċju ma' dettalji oħra, inkluż l-identita` tax-xhud.

It-Tielet parti ser tkompli fil-ħarġa li jmiss.

joseph.q.borg@gov.mt

Fl-artiklu intitolat Mill-Isfont sa mat-Tieni ċentinarju, li deher fil-ħarġa li għaddiet, il-caption tal-Kummissarju Bamford tpoġġiet minflok dik ta' Sir Hildebrand Oakes.

# L-ewwel funeral li kien sar bl-iskorta tal-muturi tal-Pulizija

mis-Surġent-Maġġur 1133 Joseph Borg – Kwartieri Ġenerali

Għaddew ħamsa u tletin sena mill-mewt ta' Lawrence Long (ex PC 278) il-kuntistabbli żagħżugħ u entużjast ta' wieħed u tletin sena li kien miet għal għarrieda ġewwa d-dar tiegħu f'Raħal Ġdid nhar is-Sibt 8 ta' Lulju 1978 - lejliet il-festa ta' San Ġużepp. L-għada, 9 ta' Lulju, għal ħabta tat-3.00pm, kif kien xieraq ingħatatlu l-aħħar tislima mill-familjari, ħbieb u sħabu l-pulizija, fosthom dawk mit-Taqsima tat-Traffiku. Għall-ewwel darba, il-katavru waqt il-funeral ġie skortat mid-dar tiegħu għaċ-ċimiterju tal-Addolorata bi skwadra ta' pulizija bil-muturi tat-traffiku, immexxija mill-Ispettur Alfred Abela. Id-difna kienet saritlu taħt forma para-militari ġewwa wieħed mill-oqbra tal-istess Korp. Kien għall-ewwel darba wkoll qabel il-mument tad-difna, li l-Kummissarju tal-Pulizija, dak iż-żmien is-Sur John N. Cachia, ġie mistieden mill-Kappillan tal-Korp sabiex hu wkoll ibierek il-katavru.



Lawrence kien missier ta' żewġ subien, wieħed ta' sebgħa u l-ieħor ta' ħames snin. Kien daħal fil-Korp f'Settembru tal-1966 u temm is-servizz ħesrem li kien ferm għal qalbu wara tnax-il sena. Matul dawn is-snin kien serva fid-distrett tal-Kottonera u fit-Taqsima tat-Traffiku, fejn kien dejjem meqjus bħala bniedem simpatiku, obbidjenti u ta' dixxiplina.

Barra li qed infakkru l-memorja għażiża ta' wieħed mill-kollegi tagħna li ħalla din id-dinja, f'eta' hekk żgħira; qegħdin nieħdu wkoll l-okkazzjoni sabiex permezz ta' dawn ir-ritratti ppreżentati lilna minn Charles Long li jiġi hu Lawrence, nurukom l-ewwel funeral li kien sar skortat bil-muturi tal-Pulizija. Lil Charles nirringrazzjawh ukoll tal-għajnuna li jagħtina permezz ta' ritratti mill-imgħoddi li hu għaddilna u xi informazzjoni utli oħra dwar l-istorja tal-Korp.

joseph.q.borg@gov.mt






# Is-Serqa tal-pagi tat-Tarzna - L-ewwel parti

minn Eddie Attard

Fl-imgħoddi, f'pajjiżna, serq aggravat b'valur kbir ma kienx iseħħ ta' sikwit għax ftit kienu dawk li azzardaw jidħlu fid-djar tas-sinjuri. Madankollu, matul is-seklu dsatax (1800-1899) seħħet serqa kbira fil-Furjana, mid-dar taċ-ċanġier Lawrenz Demartino. F'din is-serqa nqatlet is-seftura tad-dar Katarina Borg. Il-każ baqa' magħruf għal dan il-qtil bħala 'ta' Peppi tat-Tuttu'.

Imbagħad, fil-bidu tas-seklu għoxrin (1900-1999) kien hemm żewġ serqiet oħra ta' din ix-xorta; il-vittmi kienu nisa magħrufa li kienu jsellfu l-flus.

Serqa oħra kienet dik f'Ħal Kirkop meta mpjegat tal-gvern kien f'karozzin sejjer iħallas il-pagi ta' xi mpjegati tal-gvern.

Imma, mingħajr l-ebda dubju, is-serqa li l-aktar li ġabet għagħa f'pajjiżna kienet dik li saret nhar it-22 ta' April 1948, li baqgħet magħrufa bħala 'Is-Serqa tat-Tarzna (jew tad-Dockyard)', għalkemm din ma saritx fit-Tarzna proprja. Dakinhar filgħodu, it-trakk tan-Navy mar il-Belt Valletta u hemm, mill-fergħa tal-Barclays Bank fi Triq Rjali (illum Triq ir-Repubblika) għabba s-somma ta' £126,740.00, flus li kienu l-pagi għall-ħaddiema kollha tat-Tarzna. Għall-ħabta tal-10.30 a.m. dawn il-flus spiċċaw misruqa. L-għada, xi rapporti li dehru fil-ġurnali qalu li tnejn mill-ħallelin kienu libsin ta' pulizija. Imma dan kien rapport żbaljat għax fis-serqa ma ntużawx l-ebda uniformijiet; mhux veru li rġiel libsin ta' pulizija kienu qagħdu wieħed f'tarf it-telgħa li tieħu għal Kordin (fil-bidu ta' Raħal Ġdid) u ieħor f'post ieħor, u bdew jidderieġu t-traffiku. Ġurnal li rrapporta din is-serqa qal ukoll li l-ħallelin kienu nqdew bi ħmar bil-karettun biex jimblokkaw t-trakk tan-Navy. Imma dawn kienu spekulazzjonijiet, u xejn aktar.



Il-Karozza wżata mill-ħallelin

**Kif saret is-serqa**

Il-ħallelin kienu f'karozza li, għalkemm kellha tkun irrappurtata misruqa, kienu ssellfuha mingħand persuna li kienet taf li biha kienet se ssir serqa. Il-ħallelin qagħdu jistennew il-wasla tat-trakk tan-Navy ħdejn il-pitkalija tal-Marsa, dik li kien hemm ftit 'l isfel minn fejn illum hemm il-kappella tal-MUSEUM tal-Blata l-Bajda, u peress li f'dak iż-żmien Triq Diċembru 13 ma kinitx teżisti, it-traffiku għal Raħal Ġdid kien jgħaddi minn quddiem il-knisja tal-Marsa. Infatti, hekk kif it-trakk bil-flus wasal quddiem din il-knisja, il-ħallelin (li kienu tlieta) saqu għal warajh u komplew segwewh sakemm wasal quddiem it-Technical School, fi Triq Kordin (fit-telgħa ta' fejn hemm il-Moskeja). Hemm, is-sewwieq tal-karozza inkaxxa mat-trakk tan-Navy min-naħa tal-lemin u kif qabżu waqqaf il-karozza quddiemu. B'hekk il-karozza tal-ħallelin impediet il-passaġġ u t-trakk kellu jieqaf.

Sadanittant, f'nofs it-triq ħdejn il-mina ta' Bormla kellha titpoġġa tabella bis-sinjal 'No Entry' biex iżżomm it-traffiku minn dik in-naħa. Imma min ġie mqabbad ippoġiha m'għamilhiex.

Hekk kif it-trakk waqaf, il-ħallelin ħarġu mill-karozza. Dawn kellhom wiċċhom mgħotti b'imkatar, bi xkora, u ieħor kellu għata oħra ma' wiċċu. F'dak il-ħin il-ħallelin kellhom revolvers u machine gun li minnufih ippuntawhom lejn is-sewwieq tat-trakk, Manwel Conti minn Tas-Sliema. In-nies l-oħra li kienu miegħu, kienu l-head messenger fil-cash office tat-Tarzna, John Debarro, is-Sur Papagiorcopolo (assistent kaxxier tat-Tarzna), u l-iskorta, Leading Stoker Cocks, Able Seamen J. Holis, u L. Manteville. Il-ħallelin mill-ewwel ordnawlhom jinżlu mit-trakk, u jitbiegħdu minnu, filwaqt li t-tlett irġiel telgħu fit-trakk u ħarbu fid-direzzjoni ta' Ħal Tarxien. L-iskorta tat-trakk kellhom biss bajjunetta u għalhekk ftit setgħu joffru reżistenza.



It-trakk fejn kienu qed jinġarru l-flus.

### Jibdew l-investigazzjonijiet

Meta l-pulizija kienet infurmata b'din is-serqa l-investigazzjonijiet bdew minnufih. Dak iż-żmien il-kap tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Kriminali kien is-Supretendent Manwel Calleja, filwaqt li l-Korp kien immexxi mill-Kummissarju Joseph Ullo. Għall-ewwel kien maħsub li s-serqa twettqet mill-barranin, jew minn xi nies li kellhom l-intenzjoni jitilqu minn Malta wara s-serqa. Għalhekk, fl-ajrudrom u fil-portijiet ewlenin saret għassa stretta. Kien intqal ukoll li l-ewwel persuni arrestati kienu membri tas-servizzi Ingliżi f'Malta. Imma stqarrija mill-Kwartieri tal-Pulizija ċaħdet dan l-għajdut. Għalkemm qatt ma kien irrappurtat fil-ġurnali, lis-sewwieq tat-trakk kienet saritlu tfittxija fir-residenza tiegħu f'Tas-Sliema. Kien tħabbar ukoll li l-awtoritajiet Navali kienu offrew £5,000 lil min jagħti tagħrif fejn kienu nħbew il-flus misruqa. Dan ir-rigal baqa' ma ħadu ħadd.

L-ewwel żvilupp dwar is-serqa kien is-sejba tat-trakk li nstab f'Wied is-Sewda, limiti ta' Ħaż-Żebbuġ. Din l-informazzjoni li waslet madwar tlett kwarti wara t-twettiq tas-serqa, għall-ħabta tal-11.45 a.m. tat-22 ta' April kien għaddieha lill-pulizija ċertu Salvu Borg, minn Ħaż-Żebbuġ. Borg mar għamel rapport lill-pulizija li fl-imsemmi wied kien ra trakk tan-Navy li minnu kienu niżlu tnejn min-nies b'xi affarijiet f'idejhom. Borg qal lill-pulizija li għamel xi ħin jistenna lil dawn in-nies, li ma kienx jaf min kienu, imma dawn ma dehrux iżjed, u x'ħin resaq lejn it-trakk biex jara kienx hemm xi ħadd ġo fih ma kien sab lil ħadd. Aktar tard, f'bir f'għalqa f'dan il-wied kienu nstabu żewġ ingwanti, raincoat, u f'wieħed mill-bwiet tagħha kien hemm revolver imgeżwer ġo biċċa ċaruta ħadra.

### L-ewwel informazzjoni dwar il-ħallelin

L-ewwel żblokk f'dan il-każ wasal erbat ijiem wara s-serqa, meta sid il-karozza li ntużat fis-serqa, Pinu Tanti, kien mar ikellem lis-Supretendent Calleja u qallu li kien lest jgħidlu min wettaq is-serqa kemm-il darba jagħtih protezzjoni għall-familja tiegħu. Hawn irid jingħad li l-awtoritajiet diġà kienu għamlu l-ħsieb li jinġiebu Malta membri tal-Pulizija Ingliża ta' Scotland Yard biex jgħinuhom, u kienet din l-informazzjoni li żammet kollox.

Tanti qal li għaxart ijiem qabel is-serqa kien mar għandu Manwel Cardona (minn Ħaż-Żebbuġ) u qallu biex imur miegħu Ħal Qormi fejn kellha ssir laqgħa minn dawk li kellhom iwettqu s-serqa. Waqt din il-laqgħa Cardona talbu l-karozza u qallu wkoll li kien se jitħallas ta' dan. Filwaqt li semma min kien hemm f'din il-laqgħa, Tanti qal li fil-21 ta' April Cardona kien reġa' mar ikellmu u qallu li l-għada kienu sejrin għall-karozza, għalhekk kellu jħalli fiha ċ-ċavetta. Dan kompla qal li fit-22 ta' April kienu marru għandu Cardona u Ġelardu Cassar minn Ħal Qormi u dan ta' l-aħħar ipponta revolver lejh meta Tanti qallu li ma riedx jagħtihom il-karozza. Minbarra Cassar u Cardona, Tanti semma wkoll lil Salvu Fenech u Ġanni Gambin, it-tnejn minn Ħaż-Żebbuġ, bħala dawk imdaħħla fis-serqa.

B'din l-informazzjoni s-Supretendent Calleja ordna li jsiru tfittxijiet fir-residenza ta' dawn l-irġiel u, peress li Fenech kellu razzett u xi għelieqi fl-inħawi ta' Tal-Ħlas, limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, il-pulizija marret tfittex f'dawk l-inħawi. Minħabba l-fatt li s-somma tal-flus kienet tinkludi ħafna muniti tal-fidda u ram, il-pulizija talbet lis-servizzi Ingliżi biex isir użu mill-mine (metal) detectors u ta' xi membri tal-bomb disposal squad biex jekk dawn il-muniti kienu ntradmu, il-pulizija tkun taf fejn għandha tħaffer għalihom.

### Jibdew jinstabu l-flus

L-ewwel ma nstabu kienu ħafna mill-karti tal-liri. Hawnhekk wieħed irid ifakkar li f'dak iż-żmien il-karta bl-ogħla valur kienet dik ta' lira. Dawn il-flus kienu fi xkora tal-luna. Aktar tard instabu l-flus f'muniti. It-tfittxija bdiet tixtered iżjed u saret tfittxija kbira f'razzett li kellu kantina. B'kollox sa tard bil-lejl tas-27 ta' April - ħamest ijiem mis-serqa kien irrappurtat li nstabu aktar min £80,000.00.

Mal-aħbar tas-sejba tal-flus, il-Prim Ministru ta' dak iż-żmien, it-Tabib Pawlu Boffa, li kien ukoll responsabbli

mill-korp tal-pulizija, kien mar fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fil-Fleur-des-Lys biex jifirah lill-pulizija li kienu ħadu sehem f'din l-akbar ħidma tal-pulizija wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Sadanittant il-Gvernatur ta' Malta, F.C.R. Douglas, bgħatt ittra lill-Prim Ministru Boffa fejn qallu: 'Nifraħlek minn qalbi għar-riżultati li nkisbu fl-investigazzjonijiet tas-serq li sar dan l-aħħar minn nies armati. Tista', jekk joġġhbok, tgħaddi lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-uffiċjali u n-nies tiegħu dan l-apprezzament tiegħi għal biċċa xogħol tabilħaqq sabiħa li huma wettqu.'

Minnufih wara l-ittra tal-Gvernatur il-Prim Ministru kiteb lill-Kummissarju Joseph Ullo u qallu: 'Għażiż Kummissarju, Għalkemm dan l-aħħar iltqajt miegħek ta' spiss, inħoss illi għandi nurik kemm jien napprezza x-xogħol mill-aqwa li inti u l-uffiċjali u n-nies tiegħek għamiltu fil-każ tas-serq li kellna dan l-aħħar tal-flus tad-Dockyard.' Kien hemm ukoll apprezzament mill-Oppożizzjoni u fid-29 ta' April, il-Professur Hyzler (tad-Democratic Action Party), waqt l-aġġornament, f'laqgħa ta' l-Assemblea Leġislattiva, talab lill-Prim Ministru biex f'isem il-Kamra, iwassal il-ferħ tal-membri ta' l-oppożizzjoni għall-mod sabiħ kif il-pulizija kien irnexxielhom mhux biss isibu parti sostanzjali mill-flus misruqa, imma li kienu arrestaw ukoll l-awturi ta' dan id-delitt. 'Il-passi tajbin u fil-pront li ħadu s-Supretendent Emanuele Calleja, is-CID, u l-uffiċjali u r-ranks l-oħra tal-pulizija jistħoqqilhom kull tifħir u nixtieqek li trodd ħajr għalija lil dawk kollha li ħadu sehem f'dan il-każ," kompla ntqal f'dan l-aġġornament.

Filwaqt li xi pulizija qagħdu għassa fl-inħawi ta' fejn instabu l-flus, l-għada filgħodu kmieni kompliet it-tfittxija madwar razzett fin-naħa ta' Tal-Ħlas u l-pulizija komplew iqalbu l-ħamrija fl-inħawi ta' dan ir-razzett. Riżultat ta' dan it-tiftix komplew instabu aktar flus, u sad-29 ta' April kien irrappurtat li kienu nstabu b'kollox £103,950.00. Flimkien ma' membri tad-Dipartiment ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali kien hemm membri tal-pulizija tad-distrett tal-Ħamrun, immexxijja mis-Supretendent Bonnici Soler, li wara li nstabu xi flus kien bgħatt għal ċertu Pawlu Camilleri u għal ibnu Salvu (minn Ħaż-Żebbuġ); dawn ittieħdu l-Kwartieri tal-Pulizija biex isirulhom xi mistoqsijiet. Ftit tal-ħin wara kien mar f'Tal-Ħlas l-Ispettur Francis Agius tas-CID akkompanjat minn Salvu Camilleri. Dan ta' l-aħħar qal lill-pulizija fejn kien radam kaxxa bil-flus.

Sadanittant, fir-razzett, il-pulizija kienet sabet il-machine gun użat fis-serqa u, kif diġà ntqal, f'Wied is-Sewda kien instab ir-revolver.

magazine.police@gov.mt

# Paġna għat-Tfal




Sean Borg
8 Snin




Gianluca
Sevasta Mula
8 Snin

Dawk il-membri tal-korp li għandhom it-tfal u jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-paġna, permezz ta' kitba jew tpingija relatata mal-Korp tal-Pulizija, jistgħu jagħmlu dan billi jagħmlu kuntatt mal-Bord Editorjali fuq magazine.police@gov.mt

# Mill-Imdina sa tas-Sliema - Maratona ta' Malta

minn PC 376 Andrew Grech – 6 PD

Fl-24 ta' Frar, 2013 ħadt sehem fil-Maratona ta' Malta (42.2kms) li tibda mill-Imdina u tispiċċa ġewwa tas-Sliema. Din kienet it-tieni sena konsekuttiva li dħalt għaliha wara madwar għaxar preżenzi fin-Nofs Maratona (21.1kms).




Ta' min isemmi li t-taħriġ għall-maratona huwa proċess ta' staġun sħiħ, bl-aħħar 4 xhur ikompli jintensifika ruħu f'taħriġ ta' 'l fuq minn 100km fil-ġimgħa u ikel adekwat biex jinżamm piż addattat għal ġurnata tal-istess Maratona.

Wara li s-sena l-oħra fl-ewwel dehra tiegħi f'din id-distanza spiċċajt fis-sitt post overall u t-tieni Malti f'ħin ta' 2hrs 39' 21", kont determinat li għalkemm kien ħin eċċellenti stajt xorta waħda ntejjeb fuqu. Fil-League Nazzjonali ta' Malta tal-MAAA li jibda f'Ottubru u jispiċċa f'April u li huwa bbażat fuq ħamest tlielaq ta' 5 u 10km, l-affarjiet kienu sejrin tajbin hekk kif spiċċajt l-istess kampjonat fit-tielet post overall u t-tieni Malti. Dawn ir-riżultati kienu qed jindikaw li kien hemm ċans tajjeb għal titjib fil-ħin.



Waslet il-ġurnata ferm mistennija u għalkemm it-temp kien b'kemmxejn riħ, irnexxieli nagħmel ħin ta' 2hrs 32' 53'' fejn għal darb'oħra ġejt it-tieni Malti overall u l-5 post overall minn total ta' 'l fuq minn 400 atleta lokali u barranin. Il-ħin tiegħi flimkien ma' żewġ atleti oħra għen lill-klabb tagħna tal-Mellieħa AC nirbħu t-titlu tal-ewwel klabb. Ta' min isemmi wkoll li minn mindu ilha ssir il-Maratona ta' Malta mis-sena 1985, dan il-ħin jikklassifikani fit-8 post mill-Maltin fl-istorja tal-Maratoni Maltin, u l-għan tiegħi huwa li nkompli ntejjeb fuq l-istess ħin.



Għalkemm ix-xogħol tagħna mhuwiex faċli li jikkumplimenta ma' kwalunkwe Sport minħabba diversi fatturi, huwa importanti li kulħadd isib il-ħin iddedikat għalih innifsu u jtejjeb il-qagħda fiżika tiegħu. Qatt mhu tard! Jekk hemm xi individwi li jinteresshom jibdew dan l-isport jistgħu jikkuntattjawni għal iktar informazzjoni.

Minn hawn nixtieq nirringrazzja lill-Assistent Kummissarju Raymond Żammit tas-sapport u kuraġġ li dejjem tagħni matul is-snin.

magazine.police@gov.mt

# Sport Kompettitiv fil-MESA 2013

Minn PC 1250 Paul Saliba – (Membru MPSC)

Matul l-istaġun 2012/13 il-Pulizija bħal ma jsir kull sena, kkompetejna b'żewġ tims fil-*league* tal-futball tal-MESA (Malta Employees Sports Association).

Futboll Tim A fl-ewwel Diviżjoni tal-MESA spiċċa l-istaġun fil-ħames post u għalhekk staġun ieħor jerġa' jirrappreżenta lill-Pulizija fl-Ewwel Diviżjoni.

Tim A wasal sas-semi-finali tan-*knock-out* fejn spiċċa tellief kontra tim tal-AFM, tim verament fiżikament b'saħħtu, tim li ġie f'*decider* tar-rebħ tal-kampjonat vs *Education*, kif ukoll wasal fin-final tan- *knock-out* kontra l-istess *Education*.



Futbol Tim B tat-Tieni Diviżjoni tal-MESA spiċċa lis-staġun fit-tielet post kien verament viċin il-promozzjoni. Fin-*knock-out* spiċċa eliminat kontra tim tal-HSBC, tim li ġie promoss għall-Ewwel Diviżjoni wara li spiċċa l-istaġun b'punti massimi.



Fix-xhur ta' April jew Mejju l-*Malta Police Sports Committee* stiednet permezz ta' messaġġ GHQ/DSQ/198/2013/ MSG lill-membri kollha fil-Pulizija għall-isports varju kompettitiv li jiġi organizzat mill-MESA.

L-interess biex nirrappreżentaw lill-Pulizija ta' Malta f'dixxiplini sportivi kien pjuttost tajjeb iżda nistennew li jkun hemm aktar interess fi żmien li ġej.

L-għan ewlieni tagħna kien li għal ftit mumenti wieħed jieħu gost jikkompeti f'atmosfera sportiva fejn ukoll jiltaqa' ma' kollegi kemm li huma Pulizija bħalu iżda ukoll ma' ħaddiema oħra f'entitajiet differenti.

Id-dixxiplini li ġew offruti kienu l-Atletika, Snooker, Pool, Bowling, Darts, Futbol +35 u Futbol ta' Nisa.

Issa naraw ftit kif marru l-kollegi tagħna li għazlu li jieħdu sehem f'xi sport jew ieħor.

**Bowling**
Kienu tlieta li talbu biex jieħdu sehem: PC10, PC1065 u PC1036. Dawn sabu ostaklu meta kellhom jilagħbu kontra tims li jilagħbu fl-Ewwel Diviżjoni ta' Malta, fejn spiċċaw bil-punteġġ ta' 1108. Dan it-turnament intrebaħ mill-BOV li daħlu għalih b'xejn anqas minn ħames tims flimkien mal-MIA, ETC u l-Freeport.

**Pool**
Kienu tnejn li talbu biex jieħdu sehem: PS1594 u PC725. B'kollox ħadu sehem 21 *player* mill-AFM, BOV, CCF, *Civil Protection*, id-Dwana, l-ETC, HSBC u l-*Housing Authority*. Fl-ewwel ġurnata ntlabu l-preliminari u ż-żewġ *players* tagħna għaddew għal kwarti finali li saret f'ġurnata oħra fejn kellu jikkompeti biss PC725 li nqala' mill-ewwel kontra *player* li ta' spiss jirrapreżenta lill-Malta f'dan lis-sports. PS1594 ma setax jattendi minħabba xogħol urġenti.

**Darts *Individwali***
Ħadu sehem żewġ *players* li kienu PC202 u PS659. B'kollox f'dan it-turnament ħadu sehem ħdax-il *player* mill-AFM, l-HSBC, il-Maltapost, il-Pulizija u d-Dipartiment tal-VAT.

Il-*players* tqassmu f'żewġ gruppi – ħamsa fi Grupp A u sitta fi Grupp B – bl-ewwel tnejn minn kull grupp jgħaddu għas-semi-finali. L-ebda *player* minn tagħna ma rnexxielu jgħaddi għas-semi-finali. Dan it-turnament intrebaħ mill-Maltapost.

**Futbol Over 35**
Spiċċajna fi tielet post. Dħalna b'tim ta' 11-il *player* li kienu: Spettur V. Aquilina, Spettur Ray Aquilina, Spettur Frankie Sammut, PS1480, PS494, PS823, PS1579, PC259, PC1250, PC1015 u PC351.



It-tim rebaħ il-grupp b'punti massimi u għadda għas semi-finali kontra l-AFM fejn tilef bl-iskor ta' 4-0 u għalhekk lagħab il-finali għal min jirbaħ it-tielet post u rebaħ bl-iskor ta' 2-0 vs Freeport. Dan it-turnament intrebaħ mill-AFM.

**Futbol ta' Nisa**



Hawnhekk ukoll spiċċajna fi tielet post. Dħalna b'tim ta' 8 *players* li kienu: WPS242, WPS61, WPC64, WPC96, WPC304, WPC78, WPC306 u WPC238. It-turnament intlagħab fuq bażi ta' *league five-a-side* u ntrebaħ mill-*Education*.

**Atletika**
ANDREW GRECH (MALTA POLICE) - JIRBAĦ IT-TIĠRIJA TA' 5 KILOMETRI FL-IMTARFA

Andrew Grech (Malta Police) rebaħ it-tiġrija ta' 5 kilo-metri li saret fil-*By-Pass* tal-Imtarfa u li fiha b'kollox ħadu sehem 43 atleta minn 10 entitajiet differenti. Hu rebaħ f'16-il minuta u 15-il sekonda. Fit-tieni post spiċċa Mario Grech (AFM), li għamel id-distanza f'16-il minuta u 29 sekonda, waqt li Mark Herrera (Enemalta) daħal it-tielet f'16-il minuta u 55 sekonda.

Kienet tiġrija ta' livell għoli fejn rajna atleti stabbiliti kemm f'Malta kif ukoll atleti Maltin li kkompetew barra min Malta.




Ir-riżultati kollha uffiċjali huma dawn:

**Rebbieħa Overall Irġiel**

| | |
|---|---|
| 1. Andrew Grech (Malta Police) | 16'15" |
| 2. Mario Grech (AFM) | 16'29" |
| 3. Mark Herrera (Enemalta) | 16'55" |

**Rebbieħa Over 35**

| | |
|---|---|
| 1. Adrian Mifsud (Health) | 18'09" |
| 2. John Rapinett (Malta Police) | 18'28" |
| 3. Morgan Brimmer (Enemalta) | 18'38" |

**Tims**

| | | |
|---|---|---|
| 1. Health | Ħin totali | 53'06" |
| 2. AFM | Ħin totali | 54'59" |
| 3. Malta Police | Ħin totali | 55'51" |

(Andrew Grech, John Rapinett, David Bezzina, Brian Aquilina)



**DARTS TEAMS**

**IL-PULIZIJA JIRBĦU T-TURNAMENT TAT-TIMS TAD-DARTS - MESA 2013**



It-tim tal-Pulizija ffurmat minn Gordon Stanmore, Neville Grech u Jesmond Grech rebħu t-turnament tat-tims tad-darts li ntlagħab fil-Juventutis Domus, iż-Żejtun.

It-turnament intlagħab fuq bażi ta' league round-robin-l-aħjar minn disa' *legs*.

Fil-finali t-tim tal-Pulizija rebaħ kontra AFM 5-1

**SNOOKER**

Sa kemm ġejna biex ngħaddu dan l-artiklu l-kampjonat ta' *snooker* kien għadu ma sarx, għalhekk bla ma ridna kellna inħalluh barra min dan l-artiklu.

SM22 CRO, PS1594 QMS, PC533 MT, PC1093 MT U PC725 MIA ser jirraprezentaw lill-Pulizija fil-kampjonat MESA tas-*snooker* ta' din is-sena. Ta' min igħid li fil-kampjonat ta' sena l-oħra, PS1594 kien wasal fil-finali iżda tilef fl-aħħar kolp tal-logħba.

mpsc.police@gov.mt

# Aktar pulizija mħarrġa fuq l-ewwel għajnuna fuq annimali

PC 256 Kurt Bugeja Coster



Meta wieħed jaħseb fuq l-ewwel għajnuna, ftit jiftakru fl-annimali, li wkoll jista' jkollhom bżonn l-assistenza tagħna.

Kien għalhekk li ħmistax-il pulizija, tmienja mis-Sezzjoni tal-Klieb u sebgħa minn dik tal-Kavallerija, li ta' kuljum jaħdmu id f'id mal-annimali, ingħataw taħriġ dwar kif wieħed għandu jagħtihom l-ewwel għajnuna.

Bl-isem ta' *Veterinary Life Support Course*, t-taħriġ kien organizzat mill-*Emergency Response Rescue Corps* (ERRC), flimkien ma' tliet veterinarji mill-Italja, Dr Marco Filippi, Dr Simone Argentieri u Dr Barbara De Nigris.



Minkejja li dan kien it-tieni kors ta' din ix-xorta dis-sena, din hi l-ewwel darba li pulizija tħarrġu fuq kif għandhom jassistu ż-żwiemel.

Din id-darba wkoll, erbgħa mit-tmien pulizija mis-Sezzjoni tal-Klieb, PS 41 Matthew Attard, PS 1182 Chris Formosa, PS 726 David Pizzuto u PC 1020 Patrick Magri, li kienu ħadu sehem fl-ewwel kors, dak ta' livell bażiku, din id-darba ngħataw taħriġ avvanzat, li bih issa jistgħu jgħallmu l-kollegi tagħhom.



Sadattant, tħarrġu fuq livell bażiku PC 50 Joseph Attard, PC 408 Eleno Borg, PC 444 Emanuel Vassallo u PC 548 Alfred Micallef mis-Sezzjoni tal-Klieb.

Kien hemm ukoll SM 833 Frans Seychell, PS 1167 David Fenech, PC 317 Paul Louis Attard, PC 363 Alexander Tanti, PC 366 Johan Borg, PC 571 Stephen Bonanno u PC 729 Kevin Decelis mis-Sezzjoni tal-Kavallerija, li tħarrġu fuq kif għandhom jagħtu l-ewwel għajnuna liż-żwiemel.

Flimkien mal-pulizija, ħadu sehem ukoll membri tal-ERRC, Protezzjoni Ċivili u *Animal Welfare Department*.

Tkellimna ma' PS 1182, li spjega li għalkemm il-prinċipju tal-ewwel għajnuna kien simili għal dak li għandu jingħata lill-bnedmin, kien aktar diffiċli biex wieħed jagħraf kundizzjoni f'annimali, li ma jgħidulekx x'sintomi jkunu qegħdin iħossu. Barra minn hekk, il-mard fl-annimali huwa aktar diffiċli biex jiġi kkurat.

Kompla jgħid li ltaqa' ma' diversi każi fejn kellu bżonn jagħti l-ewwel għajnuna lill-annimali, inkluż il-kelb tax-xogħol tiegħu, li sofra *heat stroke*, kundizzjoni li trid tiġi ttrattata f'mhux aktar min-nofsiegħa. Jekk le, jista' jkollha konsegwenzi fatali.

F'diskors qasir qabel l-għoti taċ-ċertifikati lill-parteċipanti mill-Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Manuel Mallia, is-Supretendent Marco Mallia, li hu responsabbli mis-Sezzjonijiet tal-Klieb u tal-Kavallerija, spjega li dan kien wieħed minn sensiela ta' korsijiet li qegħdin jingħataw.

Kompla li l-għan ta' dan il-kors kien li l-pulizija miż-żewġ sezzjonijiet jingħataw taħriġ flimkien ma' dipartimenti oħra li ta' spiss jaħdmu magħhom.

Dr Mallia, li kien mistieden iqassam iċ-ċertifikati, qal li jemmen li l-annimali setgħu jagħtu kontribut siwi fiż-żamma tal-ordni kif ukoll f'investigazzjonijiet. Ħabbar li kien għalhekk li l-gvern kien dispost li jinvesti f'aktar klieb, speċjalment dawk imħarġa fit-tfittix tad-droga u *crowd control*, li kienu wkoll t'użu partikolari fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin.

Ħeġġeġ ukoll lill-membri tas-sezzjonijiet rispettivi biex javviċinaw lill-ministeru b'kull parir li jista' jkollhom u jiġbdulu l-attenzjoni fejn ikun hemm bżonn.





"Dik il-persuna f'ministeru, bravu kemm hu bravu, li jaħseb li jaf kollox fuq l-annimali huwa l-akbar ħmar," saħaq il-ministru.

"Dawn il-korsijiet m'humiex opportunità biex tkunu normali," kompla jgħid, "imma biex tkunu l-aħjar."

kurt.bugeja-coster@gov.mt

# L-Esperjenza tiegħi fid-Dipartiment tal-Pulizija

Mis-Sur Publio Agius

Fiż-żmien li jiena ngħaqad mas-Servizz Ċivili, jiġifieri fl-1976, l-opportunitajiet u l-mobilita' fix-xogħol kien limitat ħafna u għalhekk kienet il-prattika li min ikollu mpieg, tista' tgħid kien jibda' u jtemm il-karriera tiegħu fl-istess impieg. Il-każ tiegħi kien ftit differenti għax wara esperjenza ta' xi snin ma' kumpanija privata, iddeċidejt li nibdel l-impieg tiegħi biex infittex esperjenzi ġodda fis-Servizz Ċivili peress li l-valur ta' qadi lejn il-pubbliku kien minn dejjem ta' priorita' fix-xogħol tiegħi.



Wara perjodu ta' 15-il sena fid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, fl-1992 ġejt trasferit fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, u sussegwentament fl-2000, fid-Dipartiment tal-Informazzjoni fejn tajt servizz għal 9 snin sħaħ, u l-aħħar 4 snin tal-karriera tiegħi għaddejthom fid-Dipartiment tal-Pulizija bħala direttur tal-Finanzi u Amministrazzjoni.

Ngħid bla tlaqliq, li meta ġejt offrut din il-kariga, xi kollegi ma tantx inkoraġġewni biex nidħol għal din il-pożizzjoni, partikolarment għax kelli naħdem qrib ħafna ta' uffiċjali f'Korp ta' dixxiplina. Għall-ewwel kelli ftit tal-kunflitt dwar din il-dilemma, imma fil-ħajja trid taċċetta l-isfidi li jiġuk u tiffaċċjahom kif meħtieġ. Irrid ngħid li ma ddispjaċinix li għamilt dan il-pass.

Kelli l-opportunita' li naħdem fil-qrib tal-għola uffiċjali tal-Pulizija u stajt nikkonferma d-dedikazzjoni tagħhom fix-xogħol xejn faċli li jridu jwettqu, ħafna drabi f'ċirkustanzi verament diffikultużi u mpenjattivi, b'riskji għall-ħajjithom.

Mal-ex Kummissarju John Rizzo kelli relazzjoni mill-aqwa u dejjem kellna rispett reċiproku lejn xulxin. Matul l-aħħar tliet xhur qabel temmejt ix-xogħol tiegħi kelli x-xorti nsir naf u naħdem ukoll mal-Kummissarju l-ġdid Peter Paul Zammit. Għalkemm il-komunikazzjoni ta' bejnietna kienet għall-perjodu qasir ħafna, pero' stajt nosserva li għandu viżjoni għall-Korp tal-Pulizija u bħal preċedessur tiegħu, kien ser ikompli jtejjeb l-operat ġenerali tal-Korp tal-Pulizija, bl-esiġenzi xejn faċli li toffri l-ħajja ta' żmienna.

L-erba' snin li servejt mal-Pulizija rajthom qosra ħafna, imma l-esperjenzi u l-konoxxenzi li għamilt f'dan id-Dipartiment ser nibqa' niftakarhom b'nostalġija. Ser nibqa' ngħożż il-kummenti pożittivi u ta' apprezzament li rċevejt mill-kollegi tiegħi u minn għadd kbir ta' uffiċjali tal-pulizija qabel spiċċajt. Dan jikkonferma l-ispirtu ta' kollaborazzjoni u ħbiberija li sibt f'dan id-Dipartiment u għaldaqstant ninsab onorat li kelli ntemm il-karriera tiegħi ta' 37 sena fis-Servizz Pubbliku, f'dipartiment hekk importanti. Ċertament, ma ħassejtnix skomdu naħdem ma' persuni bl-uniformi, anzi kont kuntent li kelli x-xorti naħdem magħhom.

Fl-aħħarnett nixtieq inrodd ħajr ukoll lis-superjuri tiegħi li tawni l-opportunita', il-fiduċja u l-appoġġ neċessarju biex inkun ta' servizz fid-Dipartiment tal-Pulizija.

# International Police Association

*Dear IPA Members,*

As you are aware during the month of April we have celebrated our 49th Anniversary since Malta became full member of the IPA family. To commemorate this event a number of activities were organised, starting with a get together for members on Thursday 25th April, at the Associations Centre Marsa at 19.30hrs. For this occasion our members were treated to refreshments and light snacks, compliment of the NEC. During this evening between friends members had the opportunity to get more acquainted with each other, exchange views about our Section and the Association world-wide. At the end the general feeling was that more such activities should take place, even if members had to make a contribution. It was also remarked that members should also respond more to invites by the NEC for similar activities.



IPA Malta 49th Anniversary get together 25-4-2013

**Thanks Given Mass:** On Sunday 28th April a Thanks Given mass was held at Police Headquarters chapel concelebrated by IPA member Fr. Ray Bonnici. Apart from the NEC and members, attendance included also a small IPA delegation from Section Israel, lead by the Secretary General Eran Israel. After a welcome to our foreign friends by Fr. Ray, Dione read the first lesson whilst Romeo went through the second lesson and Joe Mamo the intersession prayers. After Mass those present together with our Israeli colleagues were treated to refreshments and tasting of the local cheese cakes, 'pastizzi' at the Other Ranks canteen.

**RAFA Wreath laying ceremony:** Now that the RAFA Wreaths laying ceremony on the RAF monument at Floriana has been established as one of the annual IPA activities conjointly with our IPA Surrey colleagues, on Friday 3rd May, the day started by welcoming our foreign colleagues, Insp. Calder Duncan, Stg. Christian Duckett (Surrey Police), Everson Darragh Anthony, Powel Dave, Dougal Paul, Nichols Darren, Andy Bright and Mr. John Seal (Surrey Police / ACPO Driver) at PHQ for breakfast. Upon informing the Hon. Dr. Manuel Mallia Minister for Home Affairs and National Security, about this activity, the Hon. Minister informed us that he was willing to meet our foreign colleagues at PHQ before the ceremony takes place. In view of this, the Commissioner of Police Mr. Peter Paul Zammit made the necessary arrangement to hold the planned breakfast at the Officer's Mess. At 09.30 following the arrival of the Hon. Minister, the group was invited to proceed to the Officer's Mess for breakfast. We are pleased to say that during this short event both the National President and the Secretary General took the opportunity to exchange the first views about our Association and future commitments with the Hon. Minister and the Commissioner.


IPA 49th Ann Thanks Given Mass 28-4-13

Following last year introduction of the Malta Police Pipes and Drums band, to march off IPA Malta and Surrey contingent up to the National Monument and the RAF monument at Floriana, this year once again the band was provided thanks to the Commissioner of Police. At 11.30 the parade marched off from St. George's square in front of the Palace, passing through Republic Street, the Bus Terminus area,



Surrey IPA group at PHQ Floriana on 3-5-2013



and stopping at the National Monument. Upon arrival a wreath was laid at the foot of the National monument and then the parade marched off again to the RAF monument, for the Wreath laying ceremony. Just before 12.00 noon, His Excellency the President of the Republic of Malta Dr. George Abela arrived and soon after the ceremony started with prayers for those who have sacrificed their lives during the Second World War. This was followed by the laying of wreaths around the monument lead by His Excellency the President of Malta and followed by Ambassadors, Honorary Consuls, War Veterans associations and representatives of the Armed forces of Malta. The three fallen police officers enlisted on the RAF monument are: PC.350 Clive Nibbs MILLARD, PC 382 Wilfred Harold James PICHARD, and PC. Eric Woods who was a Wing Commander. Following the ceremony guests were invited for refreshments at the Union Club, Melita street Valletta.

Later in the afternoon the Surrey group and members of the NEC were invited for drinks at the British High Commissioner's residence at Naxxar, kindly hosted by his Excellency Mr. Rob Luke and Mrs. Louise Luke. During their stay in Malta, the Surrey group was looked after by the Secretary General Romeo.



**Corporate Social Responsibility Day 2013:** After making the necessary arrangement with the Corporate Social Responsibility Day 2013 organisers, on **St. Joseph Feast Day, 19th March,** members from our Section proudly jointed other entities and enterprises to conduct six hours of 'Community Work' in various charitable institutes around the Island. According to the TV 'evening news', on the day, over 500 volunteers responded to this appeal. Together with a considerable number of volunteers, the IPA group was assigned to report at Fra Diegu Institute at Hamrun. The day started at 08.15 with Mass at the institute chapel, followed by the assignment of tasks to small groups. Most of the works allocated were room's decoration, painting of furniture, staircases railings and doors, curtains making and other similar jobs. There was also a small group in charge of logistics, such as distribution of paint and brushes and making sure that all those working had a continuous supply of water, drinks, tea and coffee and off course something to eat at lunch time. Wherever one moved, either from one room to the other, or along the high ceiling, long and wide corridors, one could see happy smiling faces, satisfied that they were doing something useful to others. Apart from performing the tasks assigned, most of us felt duty bound to complete the job by moving back once again all the furniture in its original place, including washing of the floors. At the end of this activity, when everyone started returning back the empty paint containers, brushes, tools, plastic sheets, cleaning material etc. the working areas which included bedrooms, corridors, kitchenettes, dining and playing rooms, all appeared totally different from the morning; bright and clean, ready to be re occupied by



the young children to live in. Surely that all volunteers involved during this activity left the institute very happy and satisfied for the excellent work perform in aid of charity and solidarity. After this wonderful experience, IPA Malta intends to include this event in the annual activities calendar.

Regards
The Executive Committee.

ex-Surġent Joe Borda, PRO/Ass. Teżorier (M.A.R.P.O.)

# Il-Laqgħa Ġenerali Annwali 2013



Nhar il-Ħadd 28 ta' April, 2013 numru nkoraġġanti ta' membri attendew għall-Laqgħa Ġenerali Annwali. Mal-wasla tagħhom fl-Uffiċċju l-Marsa, il-membri kienu mistiedna għall-Kafè xi sandwich u pastizz fejn l-okkażjoni serviet ukoll ta' opportunità li wieħed jiltaqa' flimkien b'mod informali. Il-laqgħa bdiet fil-ħin kif programmat fl-10.00a.m. għax kien hemm kworum b'attendenza kbira.

Il-President is-sur Charles Curmi sellem lil dawk preżenti u għamel t-talba tal-bidu. Minnufih talab minuta silenzju b'rispett għall-kollegi u familjari li għaddew għall-ħajja oħra matul is-sena. Is-Sur Curmi rringrazzja lil kulħadd talli attenda u ħeġġiġhom sabiex jisimgħu b'attenzjoni u jagħmlu l-interventi tagħhom b'tali mod li mhux kulħadd jitkellem flimkien biex wieħed ikun jista' isegwi aħjar.

Imbagħad stieden lis-Segretarju Ray Zammit sabiex jaqra l-minuti tal-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-2012 li saret fis-17 ta' Ġunju 2012. Il-minuti nqraw u ġew approvati.

Wara t-Teżorier, is-Sur Toni Gatt qara' ir-rapport finanzjarju li kien ipprepara kif ukoll ir-rapport tar-reviżuri. Dawn ukoll ġew approvati. Is-Sur Gatt ġibed l-attenzjoni ta' dawk li għadhom ma ġeddewx it-tessera tagħhom għas-sena kurrenti kif ukoll ta' oħrajn li qegħdin lura fil-ħlas. Hu ħeġġeġ lil membri sabiex jieħdu ħsieb jirregolarizzaw ruħhom fil-ħlas tat-tessera u sabiex jipparteċipaw aktar fl-attivitajiet li jkunu organizzati minn żmien għal żmien.

Is-Segretarju Ray Zammit qara' r-rapport Amministrattiv għas-sena li għada kif għaddiet. Dan ir-rapport kien approvat ukoll. Huwa kompla billi għamel aċċenn dwar l-andament tal-kawża Kostituzzjonali li għandna pendenti quddiem l-Imħallef Gino Camilleri, liema kawża waslet fl-aħħar stadji tagħha fejn ingħalqu l-provi u baqa' t-trattazzjoni qabel ma l-Imħallef jgħaddi għas-sentenza. Il-Kawża hija differita għat-2 ta' Ottubru, 2013.

Hawn il-President is-Sur Curmi stieden lil membru tal-Kumitat is-Sur Nikol Cutajar biex jagħmel l-intervent tiegħu dwar il-kawża. Is-Sur Nikol spjega l-iskop tal-kawża fejn għamel il-punt lil dawk preżenti li b'attenzjoni liema bħala semgħuh jgħid li aħna qed nikkontestaw id-diskriminazzjoni kontrina fir-rigward tal-għoti tal-pensjoni. Fakkar li meta ngaġġajna fil-Pulizija konna ffirmajna kuntratt li jagħtina dritt ta'pensjoni sħiħa u fejn f'sezzjoni oħra tal-Liġi ta' Malta l-pensjoni tagħna tkun ridotta b'detriment serju għalina. Il-membri urew l-apprezzament u r-rikonnoxxew ix-xogħol kollu li s-Sur Nikol għamel matul il-kawża biex flimkien mal-Avukat Dr Adrian Delia rnexxielna nagħmlu kawża denja biex tkun tista' twassal għal sentenza favorevoli.



Peress li l-Aġenda tal-Laqgħa kienet tipprovdi ukoll għax-xoljiment tal-Kumitat skont l-istatut, is-Segretarju spjega li kien wasal il-ħin li l-Kumitat ikun xolt biex issir l-elezzjoni għall-ħatra ta' tnax il-membru biex jiffurmaw Kumitat ġdid għas-snin 2013 sal-2016. Hu qara' l-lista tal-membri li ssottomettew il-kandidatura tagħhom għall-elezzjoni li kienu: Azzopardi Anthony, Borda Joseph, Caruana Charles, Curmi Charles, Cuschieri Gaetan, Demicoli Charles, Ellul Publius, Gatt Anthony, Lia Alfred, Mizzi John, Polidano Albert u Zammit Raymond. Min dan jidher li ż-żewġ membri li kienu fil-Kumitat preċedenti, is-Sur Caruana Emanuel u s-Sur Cutajar Nikol iddeċiedew li ma jerġgħux

jissottomettu l-kandidatura tagħhom. Is-Segretarju f'isem il-membri tal-Kumitat u f'isem il-membri tal-Għaqda rringrazzja kemm lis-Sur Caruana Emanuel kif ukoll lis-Sur Nikol Cutajar għas-sehem kbir u utli li taw matul iż-żmien li kienu fil-Kumitat. Is-Segretarju fiehem ukoll li dan allura ifisser li m'hemmx ħtieġa li ssir elezzjoni u talab għal xi rimarki jew filkas japprovaw lit-tnax-il kandidat li preżentaw ruħhom. Wara li ma kienx hemm kummenti kontra kien hemm akklamazzjoni unanima t'approvazzjoni għall-ħatra tal-Kumitat bil-membri msemmija.

Fl-aħħar tal-Laqgħa s-Sur Curmi f'isem dawk il-membri eletti rringrazzja lil kulħadd għal fiduċja li urew fihom kif ukoll reġa' wera l-apprezzament u r-rikonoxximent kbir lejn s-Sur Caruana u s-Sur Nikol Cutajar fost applawż kbir.

Ray Zammit
Segretarju

**Kunsill 2013 – 2015**

| | |
|---|---|
| **President** | Curmi Charles |
| **Vici President** | Cuscheri Gaetano |
| **Segretarju** | Zammit Ray |
| **Ass Segretarju** | Azzopardi Anthony |
| **Teżorier** | Gatt Anthony |
| **Ass. Teżorier/PRO** | Borda Joseph |

**Membri :**

| | |
|---|---|
| Caruana Chales | Lia Alfred |
| Demicoli Charles | Mizzi John |
| Ellul Publius | Polidano Albert |



Sur John Mizzi



Sur Anthony Azzopardi



## Mill-Imgħoddi

Ritratt sabiħ ta' grupp ta' Pulizija qed jagħmlu 'display' waqt 'physical training'.

Dan ir-ritratt kien mehud fit-tletinijiet (1930s)

Il-President u l-Kumitat tal-M.A.R.P.O. jagħtu merħba lis-Sur Peter Paul Zammit fil-kariga ġdida tiegħu bħala Kummissarju tal-Pulizija u tirringrazzja lis-Sur John Rizzo tas-servizz li ta' minn qalbu bħala Kummissarju preċedenti.



Ex. 1/SM 192
Edgar Theuma
1938 – 2013
1963 - 1998



Ex. Pc 608
Joseph Rapa
1927 – 2013
1951 – 1977 (Gozo)



Ex. Pc 733
Carmelo Refalo
1929 – 2013
1955 – 1980 (Gozo)



Ex. Ps 65
Paul Camilleri
1918 – 2013
1943 - 1965



Ex. Ps 448
Albert Depares
1927 – 2013
1949 - 1971



Ex. Pc 907
Louis Aquilina
1929 – 2013
1979 – 1990



Ex. Pc 459
Edward Darmanin
1956 – 2013
1976 – 2011



Ex. Ps 697
Joseph Sultana
1948 – 2013
1966 – 1996

# *Agħtihom, O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem*



Ex. 2/SM 104
Carmelo Muscat
1926 – 2013
1946 – 1978



Ex. Pc 803
Francis Farrugia
1962 – 2013
1981 – 2013